# OMBUDSPLAN

*UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN*

# 2023



OMBUDSMAN

**QOXRA:** Il-binja tal-Parlament Malti fid-daħla tal-Belt Valletta

**Pubblikazzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman**
**Settembru 2022**

Uffiċċju tal-Ombudsman
11, Triq San Pawl
Valletta - VLT1210
Tel: 2248 3210
***Email:*** office@ombudsman.org.mt
***Web:*** www.ombudsman.org.mt

# OMBUDSPLAN **2023**

## WERREJ

### DAĦLA

Ħtieġa ta' djalogu fi żmien ta' sfida w inċertezza 2

### OMBUDSPLAN BLA PJAN

Ombudsplan bla pjan 10
L-Ombudsman fi żmien ta' transizzjoni 11

### URĠENZA GĦAL *ANTI DEADLOCK MECHANISM*

Urġenza għal *anti deadlock mechanism* 14
Punt tat-tluq - politika ta' kunsens 15
Provedimenti li jassiguraw kontinwità 15
Bidla fil-qafas kostituzzjonali u fil-mentalità 16
Il-Qofol tal-proposta tal-Ombudsman 17
Rieda qawwija ta' riforma 18

### ĦTIEĠA TA' SERVIZZ PUBBLIKU EFFIĊJENTI U B'VALURI SANI

L-Eżekuttiv jeħtieġ servizz pubbliku effiċjenti u mogħni b'valuri sani 22
Xogħol tas-servizz pubbliku apprezzat 22
Mhux kollox ward u żahar 23
Titjib fir-relazzjonijiet 23
Bżonn ta' bidla radikali fil-mentalità 24
Awgurju għal djalogu pożittiv u inizjattivi 24
L-istruttura tal-*liaison officers* 25
Defiċit demokratiku li jeħtieġ jiġi indirizzat 26

### IL-KULTURA TAS-SANZJONAR TIMMINA S-SALTNA TAD-DRITT

Il-kultura tas-sanzjonar timmina s-saltna tad-dritt 30
Ħsara irriversibbli u dejjiema 31

### RIĊERKA U KOMUNIKAZZJONI

Riċerka u Komunikazzjoni 36

### ĊART ORGANIZZATTIVA

Ċart organizzattiva 2022 41

### RENDIKONT FINANZJARJU

Rendikont Finanzjarju 2022/2023 44

### STATISTIKA

Statistika 2021/2022 50

# DAĦLA
# ĦTIEĠA TA' DJALOGU FI ŻMIEN TA' SFIDA W INĊERTEZZA

*Anthony C. Mifsud*
*Ombudsman Parlamentari*



L-Ombudsplan għas-sena 2023 qed jiġi ippreżentat lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati fi żmien meta dak tas-sena kurrenti ippreżentat f'Settembru tas-sena l-oħra għadu ma ġiex diskuss u approvat mill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet tal-Parlament. Sitwazzjoni din li ħolqot stat ta' irregolarità in kwantu s-sub-artiklu 4 tal-Artiklu 10 tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap 385) espressament jipprovdi li l-finanzi meħtieġa għas-salarju w *allowances* tal-Ombudsman, kif ukoll għar-riżorsi meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-Uffiċċju tiegħu m'għandhomx jeċċedu dak l-ammont massimu li jiġi indikat fl-Ombudsplan u **li jiġi approvat mill-Kamra tad-Deputati.**

Din in-nefqa ssir direttament mill-Fond Konsolidat mingħajr il-ħtieġa ta' ebda approprjazzjoni oħra ħlief dik. Dak is-sub-artiklu jipprovdi wkoll illi l-Ombudsman għandu jippreżenta sa mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru ta' kull sena, Ombudsplan **li jkun jindika l-attivitajiet tas-sena ta' wara.**

Waqt li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ħejja w ippreżenta fiż-żmien stabbilit l-Ombudsplan għas-sena 2022 anke jekk f'sitwazzjoni diffiċli ta' tranżizzjoni w allura ottempra ruħu mal-provvedimenti tal-liġi, mhux l-istess jista' jingħad għall-Kamra tad-Deputati li ma sabitx il-ħin biex tiddiskuti u tapprova almenu formalment, l-Ombudsplan lilha ippreżentat. Il-Parlament approva l-Estimi Finanzjarji b'ammont li adegwatament ikopri l-istima tan-nefqa sottomessa fl-Ombudsplan iżda dan ma sarx wara li l-istess Ombudsplan ġie dibattut u approvat mill-istess Kamra.

Għalkemm ma jidhirx li hu obbligu statutorju illi l-Ombudsplan jiġi dibattut f'laqgħa appożita minn Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati hi l-prassi kostanti minn mindu twaqqfet din l-istituzzjoni illi kull sena dejjem hekk sar. Din hi l-unika okkażjoni li fiha l-Ombudsman u issa anke l-Kummissarji tiegħu, jkollhom l-opportunità illi jiskambjaw fehmiet dwar it-tmexxija tal-istituzzjoni, diffikultajiet fl-investigazzjoni tal-ilmenti u fit-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet magħmula biex jingħata rimedju xieraq u adegwat lil min ikun sofra inġustizzja. Kif ukoll jiġu diskussi materji li fil-fehma tal-Ombudsman, ikun jeħtieġ li jiġu indirizzati biex jiġi aħjar assigurat id-dritt taċ-ċittadin għall-amministrazzjoni pubblika tajba.

## Bżonn ta' aktar kuntatt mal-Kamra tad-Deputati

Dan id-dibattitu ta' kull sena, li huwa l-minimu li wieħed jistenna li jkun hemm biex il-Kamra tad-Deputati tkun sewwa mgħarrfa bil-ħidma li tkun qed tagħmel awtorità li fl-aħħar mill-aħħar hi rikonoxxuta bħala istituzzjoni parlamentari, minn dejjem kien utli bħala forum uniku li fih l-Uffiċċju tal-Ombudsman u deputati membri taż-żewġ naħat tal-Kamra setgħu b'mod miftuħ, jiskambjaw mhux biss fehmiet dwar kemm kien qed ikun effettiv l-Uffiċċju fit-twettiq tal-funzjonijiet proprji tiegħu, imma wkoll fuq kif din l-istituzzjoni setgħet tħares 'l quddiem u tiżviluppa bħala għodda effikaċi f'idejn il-Parlament biex tiggarantixxi amministrazzjoni pubblika, korretta, trasparenti u kontabbli.

Ta' min ifakkar illi l-Kummissjoni ta' Venezja irrakkomandat b'mod kategoriku li jkun hemm aktar opportunità ta' kuntatt effettiv bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Kamra tad-Deputati. Dan mhux biss billi jsir dibattitu fuq ir-Rapport Annwali tiegħu imma wkoll li jkun hemm l-opportunità li jiġu dibattuti dawk ir-rapporti dwar ilmenti li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikun sab li kienu ġustifikati u li jkunu ġew riferuti għall-kunsiderazzjoni tal-Parlament.

*"Il-Kummissjoni ta' Venezja irrakkomandat b'mod kategoriku li jkun hemm aktar opportunità ta' kuntatt effettiv bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Kamra tad-Deputati."*

Wieħed jifhem illi n-nuqqas tal-Kamra tad-Deputati li tiddibatti l-Ombudsplan għas-sena 2022 kien dovut għal pressjoni ta' xogħol u kalendarju mimli f'sena ta' avvenimenti eċċezzjonali. Wieħed jifhem illi dan in-nuqqas bl-ebda mod ma hu sinjal ta' nuqqas ta' rispett tal-Kamra tad-Deputati lejn l-istituzzjoni tal-Ombudsman u lanqas ta' nuqqas ta' apprezzament ta' din l-istituzzjoni bħala strument vitali biex jassigura amministrazzjoni pubblika kontabbli.

Ċertament dan in-nuqqas m'għandux jitqies li ħoloq preċedent għall-futur. Għall-kuntrarju għandu jixpruna liż-żewġ naħat biex b'mod serju, oġġettiv u realistiku jesploraw l-aħjar triqat u mezzi biex jassiguraw kooperazzjoni u kollaborazzjoni sħiħa. Dan biex il-Parlament ikun sewwa mgħarraf bil-ħidma tal-istituzzjoni tal-Ombudsman ħalli tkun tista' tevolvi bħala strument effikaċi f'idejn il-Kamra tad-Deputati biex b'hekk tkun f'qagħda aħjar biex sewwa tissindika l-operat tal-amministrazzjoni pubblika.

## Sinerġija bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Parlament

F'dan il-kuntest hi tassew ħasra illi tul is-snin baqgħet qatt ma ġiet maħluqa dik is-sinerġija mixtieqa u voluta mil-leġislatur bejn il-Parlament u l-Ombudsman. L-istituzzjoni baqgħet tista' tgħid esklussivament rikonoxxuta għall-funzjoni primarja tagħha illi tinvestiga l-ilmenti ta' amministrazzjoni pubblika ħażina mressqa miċ-ċittadini li ħassewhom aggravati imma ftit li xejn għall-funzjoni oħra daqstant importanti li tissindika l-operat tal-amministrazzjoni pubblika b'mod sħiħ biex tirrendiha aktar kontabbli lejn is-soċjetà li hi fid-dover isservi.

Sa llum l-Eżekuttiv fis-sens wiesa' tal-kelma jqis lill-Ombudsman u lill-Uffiċċju tiegħu, fl-aħjar ipoteżi, bħala mezz utli kif jiġi mgħarraf b'aġir amministrattiv li jkun allegatament ħoloq inġustizzja jew diskriminazzjoni indebita. Tqis li l-proċess ta' medjazzjoni u eventwali investigazzjoni tal-ilmenti bħala proċeduri utli biex jingħata rimedju fejn ikun ġie hekk rakkomandat. Proprju għaliex illum tgawdi l-i*status* ta' awtorità kostituzzjonali u tgawdi minn grad għoli ta' indipendenza w awtonomija, l-Eżekuttiv hu mistenni li jirrispetta l-istituzzjoni, jikkoopera fl-investigazzjonijiet tal-ilmenti u sewwa jqis l-opinjonijiet finali tagħha u jwettaq dak li tirrakkomanda. Anke jekk sfortunatament dan l-aħħar ġie dikjarat li dan għandu jagħmlu biss fejn l-opinjonijiet finali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman jkunu jirriflettu u javvanzaw il-politika dikjarata tal-Gvern.

## Viżjoni limitata u żbaljata

Fl-agħar ipoteżi, uħud fl-amministrazzjoni pubblika b'mod speċjali xi awtoritajiet u entitajiet pubbliċi, għadhom iqisu l-istituzzjoni tal-Ombudsman bħala intralċ żejjed għal mod kif jamministraw iżda li kellhom bilfors u kontra qalbhom jittolleraw. Dan hu rifless fil-livell kajman tal-kooperazzjoni tagħhom waqt l-investigazzjoni tal-ilmenti. Dan sal-punt li jekk mhux saħansitra jikkontestaw il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman, jirrikorru għas-sottomissjoni illi jekk min għamel l-ilment ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni amministrattiva kellu jiġi dirett ifittex rimedju quddiem il-qrati.

Dan kollu juri li għad hemm min fl-amministrazzjoni pubblika għandu viżjoni limitata u żbaljata tal-funzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li jqisuh bħala *Grievances Unit* glorifikat, anke jekk awtonomu w indipendenti, għas-servizz tal-Eżekuttiv. Dan biex jgħinu jidentifika atti ta' amministrazzjoni ħażina u jirrakkomanda rimedju għal min ikun ġie aggravat.

Mill-banda l-oħra hi ħasra li l-Kamra tad-Deputati wara aktar minn kwart ta' seklu minn mindu twaqqfet l-istituzzjoni, għadha ma ivvalorizzatx sewwa s-siewi tal-Ombudsman bħala awtorità fis-servizz tagħha biex tgħinha tissindika l-ħidma tal-Eżekuttiv u żżommu kontabbli għal mod kif jamministra l-ġid komuni. Dan anke jekk il-liġi u r-regolamenti biex dan tagħmlu qegħdin hemm.

F'dan il-kuntest sewwa li jiġi mfakkar illi l-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi illi l-funzjoni tal-Ombudsman hi dik li jinvestiga kull azzjoni li ssir minn jew f'isem il-Gvern, awtorità, korp jew persuna oħra li għalihom japplika dak l-Att u li tkun azzjoni li ssir fit-twettieq tal-funzjonijiet amministrattivi tagħhom. Il-funzjoni tal-Ombudsman allura ma hiex dik biss li jinvestiga ilmenti minn min ikun ġie aggravat minn azzjoni amministrattiva iżda hi funzjoni ferm aktar wiesa' li tiġbor fiha l-aġir kollu tal-amministrazzjoni pubblika.

In fatti l-istess Att jipprovdi kif l-Ombudsman jista' jmexxi l-investigazzjoni tiegħu. Dan billi jaġixxi jew b'inizjattiva tiegħu proprja jew wara li jasallu ilment bil-miktub ta' persuna li jkollha interess u li tippretendi li tkun ġiet aggravata. Hi għalhekk fehma popolari żbaljata li l-Ombudsman qiegħed hemm sempliċement biex jindaga l-ilmenti minn persuni aggravati minn xi aġir amministrattiv. Din hi u għandha tibqa' aspett importanti fil-ħidma tal-Uffiċċju tal-Ombudsman. Imma l-funzjoni tiegħu hi ferm aktar wiesa'.

Mhux biss. L-istess Att jipprovdi li l-Uffiċċju tal-Ombudsman għandu mhux biss iqis jekk xi att jew ommissjoni li fil-qofol tal-investigazzjoni tiegħu kinux jidhru li jkunu saru kontra dak li tgħid il-liġi imma wkoll għandu jqis jekk dak l-att jew ommissjoni kinux irraġonevoli, inġusti, oppressivi jew improprjament diskriminatorji, jekk kinux imsejjsa għal kollox jew in parti fuq żball ta' liġi jew ta' xi fatt jew anke sempliċiment ikunu ħżiena jew imwettqa fl-eżerċizzju ta' xi diskrezzjoni abbużiva.

## L-Ombudsman jiddefendi s-Saltna tad-Dritt – L-ebda reazzjoni

Kienu dawn il-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-Uffiċċju tal-Ombudsman f'dawn l-aħħar snin li jinsisti li l-missjoni tiegħu ma kinitx sempliċement dik li jkun it-tarka taċ-

ċittadin imma wkoll u daqstant importanti li jkun il-kuxjenza tal-amministrazzjoni pubblika. Kien proprju fl-għarfien ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u fit-twettieq ta' dan l-aspett importanti tal-funzjonijiet tiegħu illi l-Uffiċċju tal-Ombudsman ħass l-obbligu illi minn żmien għal żmien jittratta materji li jirrigwardaw it-trasparenza, il-kontabilità, is-saltna tad-dritt, id-dritt taċ-ċittadin għall-aċċess ta' informazzjoni u l-obbligu tal-istat li jipprovdiha kif ukoll ħafna materji oħra inerenti mas-saltna tad-dritt. Materji li tul is-snin kienu s-suġġett ta' opinjonijiet tal-Ombudsman u tal-Kummissarji fl-Uffiċċju tiegħu u li dwarhom ittieħdu wkoll inizjattivi u saru pubblikazzjonijiet biex jinġiebu a konjizzjoni tal-pubbliku.

Dawn il-fehmiet tal-Uffiċċju tal-Ombudsman waqt li irċevew attenzjoni mis-soċjetà w il-mezzi ta' komunikazzjoni, ftit li xejn iġġeneraw reazzjoni mill-Kamra tad-Deputati. Ma jirriżultax li qatt sar xi dibattitu dwarhom. La fil-plenarja u lanqas f'xi wieħed mill-Kumitati Permanenti. L-istess jingħad fir-rigward ta' dawk l-opinjonijiet finali tal-Kummissarji u tal-Ombudsman li l-istess Ombudsman ikun tal-fehma li għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Anke f'dan ir-reazzjoni tal-Kamra tad-Deputati hi waħda għal kollox negattiva. Dan sal-punt illi kompletament tinjora dawn l-opinjonijiet finali li l-i*Speaker* iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Hekk per eżempju ġie reġistrat li s-sena li għaddiet l-i*Speaker* ġab għall-attenzjoni tal-Kamra erbatax (14) minn dawn l-opinjonijiet finali li fihom l-Ombudsman u l-Kummissarji tiegħu sabu li l-ilmenti kienu ġustifikati u li min għamilhom kien sofra inġustizzja u kellu dritt għal rimedju. Dan in-nuqqas hu gravi għaliex il-liġi stess tawtorizza lill-Uffiċċju tal-Ombudsman jissottometti opinjonijiet finali għall-kunsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati wara li tkun inutilment intbagħtet kopja tar-rapport u tar-rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru.

## Istituzzjoni fis-servizz tal-Parlament

Hu ċar li l-liġi tagħti lill-Ombudsman din il-fakultà biex jiġi assigurat li ċ-ċittadin aggravat li jkun baqa' bla rimedju jingħata l-aħħar u l-aqwa stadju biex jipprova jittanta jieħu ġustizzja. Iżda wkoll u aktar importanti għaliex il-liġi trid li tafferma li għandu jkun il-Parlament li fl-aħħar nett jissindika l-aġir tal-amministrazzjoni pubblika kif iġġudikat mill-Ombudsman u l-Kummissarji tiegħu li huma b'hekk rikonoxxuti bħala uffiċjali tal-istess parlament.

F'din il-proċedura tinstab iż-żerriegħa li tqis lill-Uffiċċju tal-Ombudsman bħala istituzzjoni fis-servizz tal-Parlament u bħala strument f'idejh biex iżomm lill-Eżekuttiv kontabbli għal għemilu. Hi proċedura li kieku kellha tiġi wżata kif

suppost, kienet tafferma l-kunċett li l-Kamra tad-Deputati w allura l-organu leġislattiv kellha tqis lilha nfisha separata u distinta mill-Eżekuttiv li lejha kien kontabbli għal għemilu.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet juru b'mod ċar in-nuqqas ta' sintonija u d-distakk reali u materjali bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Kamra tad-Deputati. Distakk sfortunat li m'għandux ikun. Għandu jsir kull sforz biex jitnaqqas permezz ta' kollaborazzjoni u ħidma li tista' biss tkun ta' ġid għall-amministrazzjoni pubblika tajba. Hu suġġerit li din tista' tkun waħda mill-aktar sfidi importanti li għandu jilqa' l-Ombudsman il-ġdid anke fid-dawl tal-insistenza li qed issir kemm lokalment kif ukoll minn istituzzjonijiet internazzjonali fuq il-ħtieġa li l-Uffiċċju tal-Ombudsman kif ukoll l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u dak tal-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika jiġu msaħħa. Dan bil-għan li jiġu żviluppati fi strumenti effettivi ta' skrutinju tal-azzjonijiet tal-Eżekuttiv ħalli jassiguraw governanza tajba u s-saltna tad-dritt.

**Anthony C. Mifsud**
**Ombudsman Parlamentari**



# OMBUDSPLAN BLA PJAN

# 01



# OMBUDSPLAN
# BLA PJAN

Din l-isfida li tolqot l-istess natura tal-istituzzjoni tal-Ombudsman u l-iskop li għaliha twaqqfet, flimkien ma' oħrajn mhux anqas importanti, maħsuba biex jiġu inidirizzati sitwazzjonijiet dwar kif għandha tiġi strutturata w organizzata aħjar biex is-servizz li jingħata liċ-ċittadin ikun aktar effiċjenti u komprensiv, tiġbor fiha materji li jistgħu jiġu trattati fl-Ombudsplan. In fatti l-Att dwar l-Ombudsplan jipprovdi illi sal-15 ta' Settembru ta' kull sena għandu jkun preżentat Ombudsplan *"li jkun jindika l-attivitajiet tas-sena li ġejja"*.

Issa hu ovvju li kemm f'dan l-Ombudsplan kif ukoll dak tas-sena li għaddiet l-Ombudsman ma setax b'serenità josserva dan il-provvediment tal-liġi. Osservaha biss formalment iżda mhux fis-sustanza. Dan għaliex sa minn Marzu tas-sena l-oħra hu għadu jokkupa l-kariga ta' Ombudsman u iffunzjona bħala tali, dejjem bil-ħsieb u fl-aspettattiva illi s-suċċessur tiegħu jiġi mill-aktar fis maħtur.

Hu ovvju li f'dan il-perjodu ta' transizzjoni l-Ombudsman ma setax jippreżenta pjan ta' ħidma la għas-sena l-ġdida u wisq anqas mill-perspettiva tat-terminu ta' ħames snin li għalih is-suċċessur tiegħu jkun ser jiġi maħtur. Id-dewmien fil-ħatra ta' suċċessur, speċjalment meta jkun kif kien f'dan il-każ inordinatament twil, bilfors joħloq sens ta' inċertezza u demotivazzjoni li inevitabbilment jaffettwa negattivament il-ħidma tal-istituzzjoni.

Mhux sewwa li għall-ewwel darba minn mindu twaqqaf dan l-Uffiċċju, li kulħadd jaqbel għandu rwol importanti fil-governanza tal-pajjiż, tħalla fi stat ta' limbu għal aktar minn tmintax-il xahar minn mindu l-Ombudsman preżenti informa lill-Onorevoli Prim Ministru u lill-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni li wara li kien ilu jokkupa karigi għoljin fis-servizz tal-pajjiż għal aktar minn ħamsin sena, ma xtaqx li jerġa' jiġi ikkunsidrat għal terminu ieħor f'din il-kariga. Mhux magħrufa r-raġuni għal dan id-dewmien.

Wieħed jifhem li ma kienx dovut għal nuqqas ta' kandidati bi kwalitajiet u kompetenzi li jrenduhom idoneji biex jokkupaw din il-kariga importanti. Jidher però illi n-nuqqas ta' qbil persistenti bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni tista' tkun riżultat ta' proċess ta' konsultazzjoni dgħajjef li jixhed li ma kienx hemm rieda politika li tinstab soluzzjoni negozjata. Fi żminijiet oħra sa minn meta twaqqfet l-istituzzjoni dan l-ispirtu tal-kompromess inħadem b'sens ta' responsabilità u maturità. Dejjem intlaħaq qbil fuq persuna li kisbet approvazzjoni unanima tal-Kamra tad-Deputati.

Ħasra li din id-darba sa llum dan għadu ma seħħx. Wieħed jittama li hekk ma jerġax jiġri. Dan ukoll għaliex ikun hemm dejjem il-periklu f'ċirkostanzi bħal dawn illi meta l-affarijiet itulu u d-djalogu jsir diffiċli jekk mhux impossibbli, jittieħdu deċiżjonijiet żbaljati. Ikun hemm dejjem ir-riskju li l-għażla taqa' mhux fuq l-aħjar persuna li tkun idoneja biex

tokkupa l-kariga wara skrutinju oġġettiv u bir-reqqa tal-kwalitajiet u kapaċitajiet tagħha imma fuq persuna ta' kompromess li ma jkollhiex dawn il-kwalitajiet.

Hu ittamat li dan l-iskrutinju jsir fi spirtu ta' djalogu apert bejn dawk li huma fdati bl-għażla tal-persuna biex tokkupa l-kariga, lill'hinn minn kull kunsiderazzjoni ta' konvenjenza politika jew opportuniżmu partiġġjan. Dan japplika għall-ħatra tal-Ombudsman u ta' kull persuna oħra biex tokkupa kariga fil-governanza tal-Istat li tirrikjedi l-kunsens ta' maġġoranza kwalifikata tal-Kamra tad-Deputati.

## L-Ombudsman fi żmien ta' transizzjoni

Filwaqt li hu minnu illi skont il-liġi f'dan iż-żmien ta' inċertezza l-Ombudsman jibqa' fil-kariga bis-setgħat kollha li għandu biex ikompli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, deċiżjoni dwar is-suċċessur tiegħu setgħet tittieħed minn jum għall-ieħor. Kien naturali allura illi l-Uffiċċju jikkonċentra fuq is-servizz li jagħti liċ-ċittadin fl-investigazzjoni tal-ilmenti. Ma kienx lok li jittieħdu inizjattivi ġodda maħsuba biex ifasslu strateġija anki fit-tul fuq kif dak is-servizz seta' jiġi mtejjeb u mwessa'.

Bl-ebda mod ma għandu l-Ombudsman f'dawn iċ-ċirkustanzi jorbot idejn jew jinfluwenza b'xi mod mhux xieraq lis-suċċessur tiegħu u l-viżjoni ta' kif l-Uffiċċju għandu jevolvi jew jiġi amministrat u l-istrateġija biex din titwettaq.

Hu għalhekk illi l-Ombudsplan ta' din is-sena, kif ukoll dak tas-sena li għaddiet u l-aħħar żewġ rapporti annwali, ma setgħu jipprovdu l-ebda pjan ta' azzjoni konkret imma illimitaw ruħhom biex jittrattaw materji importanti dwar titjib ta' governanza, tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika w aġġornament tal-istrutturi u l-leġislazzjoni li jirregolaw l-awtoritajiet li għandhom il-funzjoni illi jżommu taħt skrutinju l-aġir tal-Eżekuttiv.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman ilu għal diversi snin jittratta wħud minn dawn il-materji u jressaqhom għall-attenzjoni ta' din il-Kamra u tal-opinjoni pubblika. Dak li qed jiġi sottomess f'dan l-Ombudsplan għandu allura jitqies bħala aġġornament għal dak li ntqal f'dokumenti riċenti ippubblikati mill-Uffiċċju u għandu jinqara flimkien magħhom. Aġġornament li hu meħtieġ għaliex hu maħsub biex jirrispondi għal dak li seħħ f'dawn l-aħħar żminijiet fil-pajjiż, għall-esperjenzi li għadda u għadu għaddej minnhom l-Uffiċċju tal-Ombudsman u għall-kunsens li jidher li hemm, almenu fid-deher illi jeħtieġ li jittieħdu miżuri urġenti biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li mhux biss tappnu r-reputazzjoni tal-pajjiż imma wkoll ippreġudikaw id-dritt taċ-ċittadin għal amministrazzjoni pubblika korretta w effikaċi.

Dawn id-dokumenti li jittrattaw diversi proposti fir-riformi avvanzati minn dan l-Uffiċċju f'dan ir-rigward huma aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-ombudsman **www.ombudsman.org.mt**



# URĠENZA GĦAL *ANTI DEADLOCK MECHANISM*

# 02



# URĠENZA GĦAL *ANTI-DEADLOCK MECHANISM*

L-esperjenza ta' dawn l-aħħar tmintax-il xahar uriet kemm kienet reali u fondata l-preokkupazzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman illi n-nuqqas ta' ftehim għal żmien inordinatament twil, li jwassal għal ħatra ta' Ombudsman meta l-kariga tkun ġiet vakanti seta' jaffettwa negattivament jekk mhux jipparalizza għal kollox il-ħidma tal-Uffiċċju tiegħu. Dan b'mod partikolari f'ċirkostanzi fejn l-Ombudsman fil-kariga ma jkunx jista' jew ma jkunx ippreparat għal kwalunkwe raġuni li jkompli jservi fil-kariga sakemm il-proċess għall-għażla tas-suċċessur jintemm.

L-Uffiċċju ilu żmien jattira l-attenzjoni ta' din il-Kamra u tal-opinjoni pubblika għal din il-possibbiltà li setgħet issir realtà. Ilu snin illi kien beda jirrakkomanda li jinstab il-mezz kif sitwazzjoni bħal din tiġi evitata u għamel suġġerimenti kif dan seta' jseħħ. Sfortunatament dak li sa Marzu tas-sena l-oħra kien jidher li jista' jseħħ imma kien improbabbli li jseħħ, fil-fatt seħħ u għadu javvera ruħu sa llum.

## Preokkupazzjoni u appell tal-President

Sitwazzjoni din li allarmat lill-Eċċellenza Tiegħu l-President li fid-diskors lin-nazzjon tat-13 ta' Diċembru, f'Jum ir-Repubblika, qisha fl-isfond tal-isfida li għandu l-pajjiż li *".. kellha x'taqsam mal-għajta li ġiet imbuttata `l quddiem kemm mill-Kummissjoni Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll mill-elementi tas-soċjetà ċivili biex ikun hemm aktar separazzjoni ta' poteri fl-amministrazzjoni tal-pajjiż".*

Il-President qies din il-materja fid-dawl tal-fatt li kienu saru proposti, wara diskussjonijiet jaħarqu fi ħdan il-Kummissjoni għar-Riforma Kostituzzjonali, li eventwalment wasslu għal leġislazzjoni li tat poteri ġodda lill-President tar-Repubblika f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħatriet tal-membri tal-ġudikatura, kif ukoll il-mod kif jiġi elett jew imneħħi jekk ikun il-każ, il-President innfisu. Wara li irrefera għal liġijiet oħra f'dak l-eżerċizzju li inkludew is-separazzjoni tal-funzjonijiet tal-Avukat tar-Repubblika u l-mod kif jintagħżlu uffiċjali li jokkupaw karigi kostituzzjonali bħall-Awditur Ġenerali u l-Ombudsman biex ikunu aktar rappreżentattivi tar-rieda parlamentari fil-ħatra tagħhom u jkunu aktar sikuri fil-ħidmiet tagħhom, saħaq li *"id-diffikultajiet li għad hemm huma riżultat tal-fatt li fejn hemm bżonn ta' qbil taż-żewġ terzi tal-appoġġ parlamentari ta' ċerta ħatriet dan l-appoġġ ma nstabx. Ma hemmx dak imsejjaħ anti-deadlock mechanism biex tiġi żblukkata s-sitwazzjoni. Il-każ tal-ħatra ta' Ombudsman ġdid hija eżempju ta' dan. Minn hawn nappella lill-partijiet ikkonċernati biex isibu l-persuna li jkun hemm qbil dwarha."*

Appell li waqa' fuq widnejn torox almenu għal aktar minn tmien xhur. Il-President ma elaborax fuq x'tip ta' mekkaniżmu għandu jinħoloq biex sitwazzjoni bħal din tiġi żblukkata. Ġustament ħass li din ma kinitx il-funzjoni tiegħu.  Kienet materja għal-leġislatur. L-Uffiċċju tal-Ombudsman minn żmien għal żmien għamel suġġerimenti prattiċi biex jinħoloq proċess lineari u trasparenti kif għandu jiġi maħtur Ombudsman fi proċedura demokratika li tirrispetta r-rieda tar-rappreżentanti tal-poplu b'termini ta' żmien ċerti, stabbiliti b'liġi u fil-Kostituzzjoni.

## Punt tat-tluq – Politika ta' kunsens

Il-punt tat-tluq għandu jkun illi hemm qbil unanimu illi l-għażla ta' uffiċjali biex jokkupaw karigi kostituzzjonali bħal dik tal-Ombudsman, l-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika, li għandha wkoll tkun rikonoxxuta bħala awtorità kostituzzjonali, għandha tibqa' ssir wara l-approvazzjoni ta' mozzjoni li jkollha kunsens ta' almenu żewġ terzi tal-membri tal-Kamra tad-Deputati.  Dan il-livell għoli ta' kunsens meħtieġ għal dawn il-ħatriet hu mhux biss turija ta' fiduċja fil-persuni li jkunu hekk magħżula imma wkoll xhieda ħajja ta' maturità demokratika u ta' devoluzzjoni ta' poter.

Ta' min ifakkar li dan kien żvilupp mill-aktar pożittiv li seħħ sebgħa u għoxrin sena ilu meta ġie approvat l-Att dwar l-Ombudsman. Dak l-Att il-Kamra tad-Deputati żammet għaliha nfisha l-poter li taħtar lill-Ombudsman. Poter ġdid illi kien imur direttament kontra dak li kien l-istil aċċettat sa dak inhar fit-tmexxija tal-pajjiż, li jafda dawn il-ħatriet u ħatriet oħra istituzzjonali esklussivament f'idejn il-Prim Ministru. Wirt ta' żminijiet post kolonjali li baqgħu jqisu lill-Prim Ministru bħala l-Kap tal-Eżekuttiv u l-fonti ta' kull poter, kontabbli biss finalment lejn l-elettorat.  Illum dan hu meqjus żbaljat u qed isiru tentattivi biex ikun hemm deċentralizazzjoni tal-poter u aktar kontabilità tal-Eżekuttiv, soġġett għall-iskrutinju tal-Parlament.

Ma kienx hemm għalfejn għalhekk tkun il-Kummissjoni ta' Venezja u organizzazzjonijiet oħra internazzjonali biex jirrakkomandawlna x'kellu jsir biex il-pajjiż jilqa' għall-kriżi tal-governanza u t-tnawwir tal-istituzzjonijiet.  Il-pajjiż kien ilu żmien li beda bil-mod miexi fid-direzzjoni ġusta u l-liġijiet dwar l-Awditur Ġenerali, l-Ombudsman u  l-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika fost oħrajn huma xhieda ta' dan. Kienu biss iż-żminijiet diffiċli tal-aħħar snin li ssottolineaw il-ħtieġa li dan il-proċess ikun aċċellerat u f'dan ir-rigward ir-rakkomandazzjonijiet li saru u għadhom qegħdin isiru mill-organizazzjonijiet internazzjonali huma ta' fejda.

## Provvedimenti li jassiguraw kontinwità

In fatti kif indika l-Eċċellenza Tiegħu l-President fid-diskors tiegħu saru liġijiet riċentement dwar il-ħatriet tal-Imħallfin, tal-Prim Imħallef u tal-President innifsu.  F'xi każijiet saru provvedimenti biex jassiguraw li jkun hemm kontinwità f'dawn il-karigi fosthom billi hu speċifikatament indikat min għandu jokkupahom sakemm jiġu magħżula l-persuni li għandhom jiġu definittivament maħtura skont il-liġijiet applikabbli, anke f'każ li jonqos il-kunsens politiku meħtieġ.

Fil-każ tal-Ombudsman, tal-Awditur Ġenerali u tal-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika dawn huma f'ċerti aspetti nieqsa.  Dan l-Uffiċċju kien irrakkomanda illi l-liġijiet li jiggvernaw fil-ħatriet u t-tmexxija tal-amministrazzjoni f'dawn it-tliet amministrazzjonijiet, li l-funzjoni tagħhom hi li tissindika l-operat tal-Eżekuttiv, ikunu uniformi u armonizzati kemm jista' jkun.  Irrakkomanda illi bħala minimu dak li hemm provdut fil-Kostituzzjoni għall-ħatra u t-tneħħija tal-Awditur Ġenerali u d-Deputat tiegħu għandhom ikunu estiżi u applikabbli wkoll għall-ħatra tal-Ombudsman u tal-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika.

Importanti li jsir provvediment li jassigura l-ħatra ta' Deputat Ombudsman u Deputat Kummissarju biex jassigura li l-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' dawn l-istituzzjonijiet

jibqgħu mixjin bla xkiel u bla indħil mill-Eżekuttiv kull meta kariga tkun vakanti jew min ikun jokkupaha ma jkunx jista' għal xi raġuni jesegwixxi l-funzjonijiet tiegħu. Gie suġġerit illi t-terminu tal-kariga jkun wieħed mhux rinnovabbli ta' 7 jew 9 snin. Żmien twil biżżejjed biex min ikun fil-kariga jkun jista' jwettaq il-viżjoni tiegħu li jissokta jiżviluppa l-istituzzjoni biex titjieb l-amministrazzjoni pubblika.

Il-qofol ta' din il-proposta diġà elaborata fid-dokumenti li għalihom saret referenza, hu l-kunċett illi dawn it-tliet istituzzjonijiet għandhom jiġu flimkien rikonoxxuti bħala awtoritajiet kostituzzjonali fis-servizz tal-Parlament biex dan ikollu għodod effettivi w effikaċi biex iżomm taħt skrutinju l-operat tal-Eżekuttiv. Dan hu l-iprem mod kif tiġi assigurata l-kontabilità tiegħu lejn l-elettorat.

## Bidla fil-Qafas Kostituzzjonali u fil-mentalità

Din hi proposta li teħtieġ emendi kostituzzjonali. Tirrikjedi wkoll bidla serja fil-mentalità illi l-poter m'għandux ikun konċentrat kważi esklussivament f'idejn il-Prim Ministru u l-Eżekuttiv, imma għandu fuq kollox joriġina mill-Parlament. Ir-rwol tiegħu ta' verifika tal-aġir amministrattiv għandu jissaħħaħ u ma jibqax limitat għal dak eżerċitat minn Kumitati Permanenti tal-istess Kamra li, minħabba l-polarizazzjoni eċċessiva ta' politika bipartitika, mhux dejjem tat ir-riżultat mixtieq.

Hi l-fehma ta' dan l-Uffiċċju illi jkun ta' ġid għat-tmexxija ta' dan il-pajjiż jekk dawn it-tliet istituzzjonijiet li huma indipendenti w awtonomi jsibu posthom fl-ordinament kostituzzjonali b'taqsima apposta li tirregola mhux biss il-ħatra u r-regoli bażiċi kif għandhom jitmexxew, imma wkoll tistabbilixxi relazzjoni mill-viċin bejnhom u bejn il-Parlament. Regoli li jistabbilixxu kif dan tal-aħħar jutilizza s-servizzi tagħhom biex jassigura amministrazzjoni pubblika korretta u nadifa. Dan waqt li jirrispetta l-indipendenza u l-awtonomija li dawn l-istituzzjonijiet ġustament igawdu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

Riforma bħal din tkun pass ieħor fid-deċentralizazzjoni tal-poter li, sa mill-Indipendenza l'hawn, ġie konċentrat b'konvenzjoni aktar milli bil-Kostituzzjoni f'idejn il-Prim Ministru. Hi mentalità żbaljata, ġenerata wkoll mill-biża' ta' klima politika prekarja li tista' tissarraf f'nuqqas ta' governabilità, li wasslet għall-iżball fondamentali, demokratikament defiċjenti, illi min jirbaħ l-elezzjoni jirbaħ il-poter u kull ma jiġi miegħu. Mentalità din li dgħajjfet serjament il-kunċett li l-Eżekuttiv qiegħed hemm għas-servizz tal-poplu w allura tal-Kamra tad-Deputati. Dgħajjfet fuq kollox ir-rwol ta' Parlament sovran fil-governanza tal-pajjiż.

Eżempju żgħir imma sinjifikattiv ta' kif dawn il-kunċetti żbaljati affettwaw negattivament kif għandu jitmexxa pajjiż f'demokrazija, huwa proprju l-mod kif fil-prattika, jinħatar l-Ombudsman u karigi analogi bħall-Awditur Ġenerali u l-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika. Hi perċezzjoni popolari imma wkoll realtà, illi d-dewmien fil-ħatra hu dovut għal nuqqas ta' qbil bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni. Fil-verità dan mhux dak li trid il-liġi. Il-proċess ġie mdawwar ta' taħt fuq. Il-liġi tesiġi li jkun hemm l-approvazzjoni ta' riżoluzzjoni mill-Parlament; imma l-membri tal-Kamra tad-Deputati mkien ma jiffiguraw fil-proċess kif fil-prattika jsir, ħlief biex japprovaw formalment dak li jkun ġie maqbul minn qabel bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.

Dan jista' jkun konvenjenti politikament; però m'huwiex il-proċess ta' parteċipazzjoni demokratika li trid il-liġi u issa l-Kostituzzjoni. F'dawn il-każijiet il-ħatra mill-President m'għandhiex tkun frott ta' konsultazzjoni bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni - lanqas wara li jiġi reġistrat qbil bejniethom. Hi allura skont il-liġi llum, ir-responsabbiltà tal-Kamra tad-Deputati meta tonqos li tapprova fi żmien raġonevoli riżoluzzjoni għall-ħatra ta' persuna biex tokkupa l-kariga.

## Il-Qofol tal-proposta tal-Ombudsman

Il-qofol tal-proposta tal-Uffiċċju tal-Ombudsman biex sitwazzjoni bħal din tiġi żblokkata hi li l-għażla titħalla f'idejn il-President tar-Repubblika li jagixxi fil-ġudizzju personali tiegħu jekk fi żmien stabbilit mil-liġi ma jiġix notifikat b'riżoluzzjoni tal-Parlament approvata minn żewġ terzi tal-membri tagħha. Bl-emendi riċenti, il-President innifsu ser ikun maħtur wara riżoluzzjoni bħal din. Dan il-fatt waħdu jagħti lill-Uffiċċju tal-President miżura ta' rappreżentanza demokratika, anke jekk indiretta, li tagħtih il-*vires* li jiddeċiedi fuq ħatriet ta' din ix-xorta. Li jkun jonqos hu li l-proċess tal-għażla jsir aktar trasparenti u miftuħ.

Wieħed jista' allura jikkunsidra illi:

1. l-proċess kollu tal-ħatra sakemm din tkun tiddependi mill-Kamra tad-Deputati, għandu jitħalla f'idejn l-Onorevoli *Speaker*;

2. meta tinħoloq il-vakanza, jew jiskadi t-terminu jew għal xi raġuni oħra, l-i*Speaker* joħroġ sejħa pubblika għal turija ta' interess għal min ikun eliġibbli u ikkwalifikat biex jokkupa l-kariga. Proċedura din li teżisti f'diversi pajjiżi u ġiet b'ċertu mod, introdotta għall-ħatra tal-Imħallfin f'Malta;

3. l-iSpeaker jibgħat b'mod kunfidenzjali, ir-risposti li jkun irċieva mill-persuni interessati lill-Kumitat tal-Għażla ristrett li jkun kompost minn żewġ membri minn kull naħa tal-Kamra u presedut minn persuna li tkun f'xi żmien okkupat kariga istituzzjonali li l-ħatra għaliha tkun tirrikjedi riżoluzzjoni tal-Parlament approvata b'maġġoranza kwalifikata ta' żewġ terzi;

4. dak il-Kumitat jekk ikun il-każ jisma' lil dawk il-persuni li jkunu wrew interess u li jkunu fil-fehma tiegħu idonei biex jokkupaw il-kariga. Għandu mbagħad wara dan l-iskrutinju jinnotifika lill-Prim Ministru u lill-Kap tal-Oppożizzjoni bl-ismijiet ta' tnejn minn dawk il-persuni u jekk ikun il-każ jindika ordni ta' preferenza;

5. l-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni jkollhom terminu determinat li fih wara li jikkunsidraw dak li jkun ġie lilhom sottomess jaslu għall-qbil dwar persuna li isimha għandu jiġi sottomess għall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Id-deċiżjoni tagħhom mhux neċessarjament tkun favur wieħed miż-żewġ persuni indikati lilhom mill-Kumitat tal-Għażla;

6. l-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni għandhom b'nota konġunta jgħarrfu lill-i*Speaker* jew bid-deċiżjoni maqbula tagħhom, jew inkella bil-fatt li fiż-żmien stipulat ma kienx possibbli għalihom li jilħqu ftehim;

7. fl-ewwel ipoteżi l-i*Speaker* iressaq il-mozzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati biex eventwalment titwassal lill-President li jifformalizza l-ħatra tal-persuna magħżula. Fit-tieni ipoteżi l-i*Speaker* għandu jgħarraf lill-President illi ma kienx intlaħaq ftehim u li konsegwentement l-għażla kienet ser titħalla f'idejh biex jinnomina persuna li tkun eliġibbli u li, fil-ġudizzju personali tiegħu, iħoss li hi l-aktar idoneja biex tokkupa l-kariga. Għal dan il-għan l-i*Speaker* għandu jibgħat l-inkartament kollu tal-proċess kif ukoll kull dokumentazzjoni relevanti lill-President għall-informazzjoni tiegħu; u

8. dan il-proċess għandu jkun f'qafas b'termini ta' żmien qosra li komplessivament m'għandux għalfejn jestendi aktar minn tmien ġimgħat minn mindu l-i*Speaker* ikun ħareġ is-sejħa pubblika għall-espressjoni ta' interess.

Dawn huma biss punti ta' proposta għar-riforma li fil-fehma tal-Ombudsman tkun tassigura aktar trasparenza u aktar viċinanza bejn l-istituzzjoni tal-Ombudsman u l-Kamra tad-Deputati. Dan waqt li tnaqqas l-esklussività tal-poter politiku fuq il-proċess tal-għażla ta' persuni illi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom huma mistennija illi jżommu taħt skrutinju l-operat tal-Eżekuttiv. Naturalment jista' jkun hemm proposti oħra adatti biex jilħqu dan il-għan. F'kull każ kull proposta trid tiġi illimata u tradotta f'liġi li tassigura mhux biss proċedura effiċjenti u trasparenti, imma wkoll li tkun esegwibbli fi żmien raġonevoli imma ċert.

## Rieda qawwija ta' riforma

Dawn huma wħud mill-isfidi kostituzzjonali illi fil-fehma tal-Ombudsman jeħtieġ li jiġu indirizzati, uħud minnhom b'ċerta urġenza. L-Ombudsman jista' biss jisħaq fuq il-ħtieġa ta' riforma u jagħti l-fehma tiegħu kif din tista' ssir, kif għamel u qed jagħmel minn żmien għal żmien. Biex titwettaq irid ikun hemm konvinzjoni li din kienet meħtieġa u r-rieda politika fil-pajjiż li din tiġi mfassla bil-għan li tissaħħaħ id-demokrazija u tgħin biex tiggarantixxi l-ħolqien ta' amministrazzjoni pubblika professjonali, serja w effiċjenti biex taqdi l-ġid komuni. M'għandhiex allura tkun riforma li tħares lejn it-tisħiħ tal-poter, l-interessi personali jew partiġġjani. Lanqas tkun riforma li waqt li fid-deher ma tkunx hekk imfassla, fil-prattika tħalli spazju għal dan.

Kull min hu fdat bil-poter u kull min jaspira li jiġi hekk fdat fil-futur – għax il-bidla fil-governanza hi inevitabbli u l-ħmira li biha tistgħana d-demokrazija parlamentari – għandu jkollhom kull interess li l-pajjiż ikollu f'posthom istituzzjonijiet u awtoritajiet b'saħħithom, awtonomi w indipendenti biex iżommu lill-amministrazzjoni pubblika kontabbli. Dan mhux biss għax dawn huma strumenti qawwija biex jassiguraw governanza tajba liċ-ċittadin imma wkoll għaliex it-tisħiħ tal-Kamra tad-Deputati bl-għoti ta' għodda ġdida li żżomm l-Eżekuttiv kontabbli hu fl-interess tal-forzi politiċi kollha li jirriflettu r-rieda tal-elettorat.

Hu għalhekk li dawn ir-riformi jeħtieġ li jsiru b'mod komprensiv u ħolistiku. Dan fid-dawl tal-prinċipji li l-eżerċizzju tal-poter hu biss servizz liċ-ċittadin u li kull min jeżerċitah, f'kull livell, għandu jkun realment kontabbli għal għemilu. Il-pajjiż ma jistax aktar isostni sitwazzjoni fejn għandu l-aqwa liġijiet li jwaqqfu istituzzjonijiet regolatorji w awtoritajiet ta' verifika iżda dawn ma jkunux fir-realtà effikaċi fit-twettieq tal-funzjonijiet tagħhom. Il-pajjiż ma jistax jibqa' jgħix taħt l-illużjoni illi għandu fost l-aqwa strutturi biex jassiguraw governanza tajba, f'demokrazija kważi perfetta, meta fir-realtà kif tixhed l-istorja riċenti dan ma kienx fil-fatt il-każ.

Jista' ikollok l-aqwa liġijiet fuq il-karta li fit-teorija jigarantixxu governanza mill-aqwa għax jekk ma jkunx hemm ir-rieda politika li dawn jiġu implimentati kif jixraq, is-sistema tal-gvern tfalli u jkun iċ-ċittadin li jbati.



# ĦTIEĠA TA' SERVIZZ PUBBLIKU EFFIĊJENTI U B'VALURI SANI

# 03



# L-EŻEKUTTIV JEĦTIEĠ SERVIZZ PUBBLIKU
# EFFIĊJENTI U MOGĦNI B'VALURI SANI

Sfida oħra importanti li l-Uffiċċju tal-Ombudsman jeħtieġlu jaffronta b'determinazzjoni fis-snin li ġejjin hi l-ħtieġa li fit-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu jitjiebu r-relazzjonijiet bejnu u s-servizz pubbliku. Servizz li jiġbor fih mhux biss is-servizz ċivili imma wkoll l-amministrazzjoni tal-entitajiet u awtoritajiet pubbliċi.

F'diskors li għamel f'Jum is-Servizz Pubbliku fit-23 ta' Ġunju ta' din is-sena, il-President ta' Malta stqarr li *"filwaqt li l-istrutturi, r-riżorsi u l-binjiet moderni u t-teknoloġija huma kollha importanti għal servizz effiċjenti – fuq kollox jorbot l-uffiċjal. Jekk dan ma jkunx ippreparat b'mod akkademiku jew b'taħriġ relatat max-xogħol, jekk ma jkunx motivat, ma jkunx stmat u ma jkunx leali ftit jista' jsir progress".* Saħaq li l-uffiċjal huwa l-qofol ta' servizz pubbliku dinamiku, effiċjenti w ġust. L-Ombudsman jingħaqad mal-President li radd il-ħajr f'isem il-poplu, lill-impjegati u l-ħaddiema kollha tas-servizz pubbliku u *"li għandhom rwol tant siewi – kruċjali – biex pajjiżna jibqa' jmur għall-aħjar u jiġu mħarsa l-ewwel u qabel kollox l-interessi taċ-ċittadin".*

Hija b'saħħitha d-dikjarazzjoni tal-President illi *"Is-servizz ċivili qiegħed hemm għaċ-ċittadin u mhux il-kontra."* Stqarrija din li tapplika għall-ħaddiema kollha fis-settur pubbliku. Stqarrija illi għandha wkoll korollarju iktar b'saħħtu għall-uffiċjali fis-servizz ċivili. Qegħdin hemm biex jimplimentaw il-politika tal-Gvern fid-dawl tal-liġijiet li japplikaw imma għandhom jaħdmu fuq kollox fl-interess taċ-ċittadin. Hu f'dan li l-funzjonijiet tal-impjegati fis-servizz pubbliku jikkonverġu mal-għanijiet tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li jiddefendi liċ-ċittadin aggravat.

## Xogħol tas-servizz pubbliku apprezzat

L-Uffiċċju tal-Ombudsman ma jistax ma jesprimix apprezzament għax-xogħol siewi u dedikat li l-parti l-kbira tal-impjegati kemm fis-servizz ċivili kif ukoll fis-servizz pubbliku jagħtu lis-soċjetà. M'hemmx dubju li fil-biċċa l-kbira minnhom jagħtu s-servizz tagħhom b'effiċjenza u kompetenza, fl-osservanza tal-liġijiet u regolamenti lil hinn minn kull ħjiel ta' abbuż ta' poter jew diskriminazzjoni mhux xierqa.

L-Uffiċċju huwa ben konxju u japprezza l-fatt illi f'dawn l-aħħar snin baqgħu jittieħdu inizjattivi bżonnjużi maħsuba biex ikomplu jibnu l-kapaċitajiet istituzzjonali mhux biss fir-riżorsi umani iżda anke bit-tisħiħ tal-*management* finanzjarju u bit-tkabbir tar-riżorsi diġitali. Il-pajjiż għandu għalfejn ikun kburi li s-servizz pubbliku Malti ikklassifika fl-ewwel post fl-Ewropa fuq servizzi ta' *e-government*. Dan ħareġ minn rapport *E-Government Benchmark Reports 2022* maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea li fih janalizza servizzi governattivi onlajn ta' 35 pajjiż Ewropew.

Dan il-programm ta' modernizzar tas-servizz pubbliku biex titjieb l-amministrazzjoni pubblika b'mod li tkun aktar aċċessibbli għaċ-ċittadin, kif ukoll il-ħidma li qed issir biex is-servizz ċivili jagħti kontribut determinanti għall-ħajja tan-nazzjon fi żminijiet diffiċli

ta' pandemija u ta' gwerra, waqt li jagħti sehemu għall-ġid tal-komunità internazzjonali b'mod aktar ġenerali, hu ta' min ifaħħru.

## Mhux kollox ward u żahar

Imma wieħed ma jistax ma jinnotax b'dispjaċir li mhux kollox ward u żahar. Wieħed ma jistax jinsa l-episodji gravi ta' amministrazzjoni pubblika ħażina jekk mhux agħar, li tappnu l-governanza tajba tal-pajjiż u li imminaw il-fiduċja fl-amministratur pubbliku li hu l-ħolqa bejn l-Eżekuttiv u ċ-ċittadin.

Qari tal-istorja riċenti w anki tal-passat ma jistax ma jiżvelax ir-realtà li wħud minn dawn l-episodji gravi ma kinux iseħħu kieku ma kienx hemm l-involviment attiv jew passiv ta' uffiċjali pubbliċi f'kull livell, li għal raġunijiet ta' lealtà partitika, ta' interessi familjari jew ta' aspettattiva ta' gwadann personali w avvanz, kif ukoll u agħar, sħubija f'negozji, naqsu li jagħmlu dak li hu mistenni minnhom.

Ċertament kienu dawn l-episodji dolorużi li wasslu lill-President fid-diskors fuq imsemmi li jenfasizza illi *"Importanti wkoll li jinżammu u jkomplu jiġu msaħħa l-prinċipji u l-valuri ta' trasparenza, kontabilità w ugwaljanza fil-qadi tal-funzjonijiet f'kull livell"*. Ma' dawn wieħed jista' ukoll iżid fost oħrajn, il-valuri xejn anqas essenzjali tal-meritokrazija, tal-onesta, tal-korretezza u s-sinsla.

Valuri li l-Ombudsman ilu snin jisħaq fuq il-ħtieġa li jittieħdu passi urġenti biex jiġu protetti u garantiti speċjalment mill-awtoritajiet regolatorji, qabel ma jkun tard wisq. Niżbaljaw jekk nilludu ruħna illi t-tmermir tal-governanza tajba u d-dgħjufija tal-istituzzjonijiet kien biss dovut għall-aġir etikament skorrett, jekk mhux kriminuż, ta' grupp żgħir ta' persuni l-aktar f'pożizzjonijiet ta' awtorità li poġġew l-interessi tagħhom qabel dak tal-ġid komuni.

Waqt li hu minnu illi l-għajta għal riformi radikali bdiet tidwi fiż-żminijiet riċenti, iż-żerriegħa li qed twassal għat-tkissir tal-valuri li huma l-qofol tas-sisien li fuqhom hi mibnija amministrazzjoni pubblika tajba ilha li nżergħet u l-pajjiż qed jaħsad il-frott ħażin ta' dak li żera'. Żbaljat min jaħseb li mhux il-każ li wieħed ikompli jħambaq fuq dawn l-aspetti tal-governanza u li issa wieħed irid iħares 'l quddiem biex ma ssirx aktar ħsara u l-ħajja tkompli.

Għall-kuntrarju min għamel il-ħażin għandu jagħti kont ta' għemilu f'kull livell għax b'hekk iservi ta' eżempju għall-ħaddieħor. Il-pajjiż għandu jkompli jisħaq biex jibqgħu jiġu introdotti riformi radikali biex jiżguraw kemm jista' jkun li ma jerġax jiġri dak li ġara u li l-valuri veri jerġgħu jsibu posthom fl-amministrazzjoni pubblika. Jeħtieġ li mill-passat nitgħallmu biex dak li ġara ma jerġax iseħħ fil-futur.

Hemm bżonn li jkun hemm ir-rieda politika qawwija biex dan il-proċess ta' bidla jkun wieħed sostnut u mhux biss kożmetiku. F'dan il-proċess l-Ombudsman għandu jibqa' jkollu rwol importanti b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u r-relazzjonijiet mill-viċin li jeħtieġ li jibqa' jkollu mal-amministrazzjoni pubblika f'kull livell.

## Titjib fir-relazzjonijiet

Iż-żmien u ċ-ċirkostanzi huma maturi biex ikun hemm titjib fir-relazzjonijiet bejn l-Ombudsman u l-amministrazzjoni pubblika. It-tibdil fil-persuna tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sur Tony Sultana li nħatar kap tas-servizz pubbliku Malti, hija okkażjoni tajba biex jitjiebu u jissaħħu r-relazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Ombudsman mas-servizz pubbliku. Relazzjonijiet li kif hu magħruf, sfortunatament ma kinux fl-aħjar tagħhom f'dawn l-aħħar żminijiet. Dan inevitabbilment kellu effett negattiv fuq is-servizz li ngħata mill-Ombudsman u l-Kummissarji tiegħu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom kemm liċ-ċittadin aggravat, kif ukoll lill-istess amministrazzjoni pubblika.

## Bżonn ta' bidla radikali fil-mentalità

Hemm bżonn fil-fehma tal-Ombudsman, bidla radikali fil-mod kif l-amministrazzjoni pubblika u b'mod partikolari l-awtoritajiet u entitajiet pubbliċi, jħarsu lejn l-istituzzjoni. Għad hemm min għadu jqis l-Uffiċċju b'għajn ta' konfrontazzjoni u mhux ta' kollaborazzjoni fil-proċess biex jingħata rimedju liċ-ċittadin aggravat u tiġi mtejjba l-amministrazzjoni pubblika.  Hu żbaljat l-atteġġjament illi r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman u l-Kummissarji jiġu aċċettati sakemm dawn ikunu in sintonija mal-*policie*s tal-Gvern.  Kif hu wkoll żbaljat l-atteġġjament illi l-informazzjoni mitluba, meħtieġa għall-investigazzjoni tal-ilmenti, ma tingħatax sħiħa kif mitluba u f'waqtha, jekk mhux tiġi f'xi każijiet għal kollox rifjutata.

Kienet tinħass, f'ċerti okkażjonijiet aktar minn oħrajn u minn uħud mill-awtoritajiet u entitajiet pubbliċi u mhux kollha, nuqqas ta' ħeġġa fir-riċerka tal-verità u nuqqas ta' kooperazzjoni w antiċipazzjoni ġenwina għal opinjonijiet finali minn awtorità kostituzzjonali, awtonoma w indipendenti. Opinjonijiet li għandhom ikunu ta' gwida għall-amministratur pubbliku dwar kif għandu jaġixxi, mhux biss biex jagħmel tajjeb għall-inġustizzja li tkun seħħet imma wkoll biex jevita li din terġa' ssir.

L-amministrazzjoni pubblika u l-Uffiċċju tal-Ombudsman għandhom l-istess għan. Dak li jassiguraw governanza tajba li minnha jgawdi ċ-ċittadin. Atteġġjament illi l-istituzzjoni hi meħtieġa għax il-liġi u l-Kostituzzjoni hekk jirrikjedu, imma hi tollerata in kwantu tista' ixxekkel il-ħidma tal-Eżekuttiv, hu għal kollox żbaljat. Jeħtieġ bidla għal mentalità pożittiva li tirrikonoxxi illi l-istituzzjonijiet regolatorji bħall-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali u l-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika huma eżerċizzju ta' deċentralizazzjoni tal-poter.  Huma mezz kif il-Parlament iżomm l-istess amministrazzjoni pubblika kontabbli anke permezz ta' proċeduri investigattivi li jeħtieġu trasparenza w oġġettività. Finalità din li l-ebda amministratur pubbliku, dehen tal-isem ma jista' jkollu oġġezzjoni valida għaliha.

## Awgurju għal djalogu pożittiv u inizjattivi

L-Ombudsman jawgura li din l-isfida li nħolqot ukoll mid-diffikultajiet li l-Uffiċċju tiegħu għadda minnhom f'dawn l-aħħar snin, tiġi rinfaċċjata fi spirtu ta' djalogu kostruttiv bejn is-Segretarju Permanenti Ewlieni, l-Ombudsman u l-Kummissarji tiegħu.  Djalogu li jista' jwassal ukoll għal inizjattivi meħuda flimkien biex l-amministrazzjoni pubblika kollha u l-Uffiċċju tal-Ombudsman jgħarrfu kif jistgħu jikkollaboraw bis-sħiħ fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom.



*L-Ombudsman, is-Sur Anthony Mifsud u s-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sur Tony Sultana waqt laqgħa ta' korteżija.*

Dawn l-inizjattivi jistgħu jinkludu: laqgħat perjodiċi ta' informazzjoni u bdil ta' ideat bejn il-PPS, l-Ombudsman u l-Kummissarji tiegħu li fihom jiġu diskussi kif l-aħjar jista' jiġi mtejjeb is-servizz li jingħata liċ-ċittadin; kif tista' tinħoloq sinerġija aktar pożittiva bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-amministrazzjoni pubblika biex l-investigazzjoni tal-ilmenti ssir bl-inqas diffikultà u fl-iqsar żmien possibbli; u l-effettività fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula u materji oħra ta' interess komuni. F'dan ir-rigward laqgħat riċenti ta' kortesija w informazzjoni bejn is-Sur Sultana u l-Ombudsman jawguraw tajjeb għal quddiem.

Importanti li jerġgħu jibdew isiru laqgħat bħal dawn mas-Segretarji Permanenti u mas-CEOs tal-awtoritajiet u entitajiet pubbliċi. Dan mhux biss biex jiġu diskussi diffikultajiet li jinqalgħu bejnhom u bejn l-investigaturi fl-iproċessar tal-ilmenti, imma wkoll biex ikun sewwa assigurat li jkunu mgħarrfa w konxji min-natura tal-istituzzjoni tal-Ombudsman, tal-funzjoni li għandha illi tivverifika l-aġir tal-amministrazzjoni pubblika u żżommha kontabbli għal għemilha.

Laqgħat simili għandhom ukoll jerġgħu jibdew isiru mas-sindki w uffiċjali tal-Kunsilli Lokali li huma l-amministraturi pubbliċi eqreb fil-kuntatt maċ-ċittadin u li kif mistenni, fir-rigward tagħhom dejjem ikun hemm numru konsiderevoli ta' ilmenti.

Inizjattiva ta' min ifaħħarha li seħħet f'dawn l-aħħar snin kien it-twaqqif tal-Istitut għas-servizzi pubbliċi li jagħti taħriġ iffukat fuq kif taħdem l-amministrazzjoni pubblika u x'inhuma d-doveri tal-amministratur pubbliku fl-għoti tas-servizzi. Hu però sorprendenti illi mkien fil-*prospectus* u fis-sillabi ta' dan l-Istitut ma jidher li hemm *modules* speċjalizzati li jagħtu taħriġ fuq l-istituzzjonijiet kostituzzjonali bil-funzjoni ta' verifika tal-amministrazzjoni pubblika bħall-Uffiċċju tal-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali u l-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika. Dan hu nuqqas li għandu jiġi rimedjat.

L-esperjenza ta' kuljum fl-Uffiċċju tal-Ombudsman tixhed livell baxx ta' għarfien tan-natura ta' dawn l-istituzzjonijiet, kif jiffunzjonaw u kif għandu jirrelata magħhom l-amministratur pubbliku.

Dawn l-inizjattivi w oħrajn għandhom jiġu meqjusa fil-kuntest ta' eżerċizzju ta' *outreach* wiesgħa li l-Uffiċċju tal-Ombudsman jeħtieġlu jagħmel biex jassigura aktar għarfien tal-funzjonijiet tiegħu fis-soċjetà in ġenerali b'mod li jkun f'pożizzjoni li jilħaq l-aktar nies vulnerabbli u l-inqas protetti li jeħtieġu s-servizz tiegħu. Għandu jsir kull sforz biex dawn is-servizzi jkunu faċilment aċċessibbli għalihom b'mod sikur u effettiv.

## L-istruttura tal-*liaison officers*

Hu essenzjali illi l-istruttura tal-*liaison officers* li ġiet maħluqa sa mill-bidu tat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Ombudsman, tiġi mġedda u msaħħa. Il-*liaison officers* fid-dipartimenti kollha tal-Gvern, awtoritajiet u entitajiet pubbliċi huma ħolqa essenzjali bejn l-amministrazzjoni pubblika u l-Uffiċċju. Huma għandhom il-funzjoni mhux biss li jiffaċilitaw il-kuntatt dirett bejn l-Ombudsman u l-Kummissarji, b'mod partikolari permezz tal-uffiċjali investigaturi, iżda wkoll li jaċċertaw fi stadju bikri tal-investigazzjoni li spiss hu wieħed ta' informazzjoni u medjazzjoni bejn iċ-ċittadin u l-amministrazzjoni dwar xhiex ikun aggravat min jgħamel l-ilment. Hu f'dan l-eżerċizzju li tiġi esplorata l-possibbiltà illi l-ilment jiġi riżolt b'mod amikevoli u fl-iqsar żmien possibbli.

Din is-sistema kienet u għadha f'xi każijiet tagħti riżultati tajbin fejn il-*liaison officer* jingħata spazju biex jieħu inizjattivi f'dan l-istadju bikri tal-investigazzjoni – naturalment ħafna jiddependi fuq il-ħila u l-karattru tal-persuna. L-effikaċja tal-istruttura bdiet tbatti meta ġew introdotti miżuri ta' ċentralizzazzjoni li illimitaw il-libertà ta' azzjoni ta' dawn l-uffiċjali.

Wieħed jifhem li s-Segretarji Permanenti fil-Ministeri u s-CEOs tal-awtoritajiet u entitajiet pubbliċi għandhom ikunu mgħarrfa mill-ewwel li jkun daħal ilment li jinteressahom u x'kienet in-natura tiegħu. Iżda l-proċess tal-investigazzjoni m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn minħabba miżuri interni ta' kontroll speċjalment fl-istadju preliminari tal-investigazzjoni.

L-esperjenza wriet li s-sistema ta' *liaison officers* taħdem sewwa u hi ta' benefiċċju għaċ-ċittadin meta l-uffiċjali jkollhom miżura ta' flessibiltà li tippermettilhom jieħdu inizjattivi biex jiddjalogaw mill-ewwel mal-Uffiċċju tal-Ombudsman. In fatti f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm *liaison officers* li jifhmu n-natura tal-kawża tagħhom u jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom sew, is-sistema taħdem tajjeb u tagħti l-frott. Anke hawn hemm lok għal djalogu biex jiġi aħjar valorizzat ir-rwol ta' *liaison officers* ħalli s-sistema tiffunzjona kif jixraq fl-interess taċ-ċittadin.

## Defiċit demokratiku jeħtieġ jiġi indirizzat

L-Ombudsman ilu snin jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet li jiffavorixxu l-ħolqien ta' defiċit demokratiku fil-governanza tal-pajjiż. Tul għexieren ta' snin f'ħafna oqsma tal-amministrazzjoni pubblika ddgħajjfet id-distinzjoni li jeħtieġ li ssir bejn il-Gvern u l-partit fil-gvern. Sistema essenzjalment bi-partitika tas-setgħa f'idejn dawk li jiġu fdati bil-poter mill-elettorat u dana tul il-leġislatura kollha. L-aġir tal-amministrazzjoni pubblika hu allura spiss determinat mill-effetti li jista' jkollu fuq l-indiċi tal-popolarità tal-partit fil-gvern aktar milli minn dak li hu verament u oġġettivament il-ġid komuni. Dan naturalment ma jfissirx illi l-amministrazzjoni pubblika ma tkunx kapaċi toħloq il-ġid jew li ma tamministrax b'mod li jkun ta' benefiċċju għas-soċjetà u li ma tieħux miżuri pożittivi li minnhom igawdu ċ-ċittadini kollha.

L-aġir tal-amministrazzjoni pubblika jista' jkun ikkundizzjonat mill-ħtieġa li jiġi assigurat u tutelat il-poter. Dan ikun jeħtieġ mhux biss ċentralizzazzjoni qawwija tas-setgħa f'idejn persuni ta' fiduċja fdati biex jimplimentaw il-politika tal-Gvern. Ikun jeħtieġ ukoll li, speċjalment fejn it-tqassim tal-ġid jinvolvi l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni amministrattiva, din tkun iffokata biex tiffavorixxi anke jekk mhux b'mod dirett, l-għanijiet tal-partit fil-gvern.

Hu ovvju li aktar ma jkun qawwi w ikkonċentrat il-poter reali f'idejn il-ftit aktar jeħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi awtonomi w indipendenti ta' verifika u kontroll. Dan biex jassiguraw illi l-amministrazzjoni pubblika taġixxi b'mod ġust u ekwu ma' kulħadd mingħajr diskriminazzjoni improprja jew preġudizzju ta' kull xorta. Hu f'dan l-isfond li l-Uffiċċju tal-Ombudsman u awtoritajiet analogi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, minn żmien għal żmien jittrattaw materji li jkunu jippreokkupawhom għax iqisuhom ta' theddida għall-governanza tajba meta jmorru kontra l-prinċipji li jassiguraw amministrazzjoni trasparenti w kontabbli u għaliex ukoll setgħu jpoġġu s-saltna tad-dritt f'riskju.

Fost dawn il-materji li ittratta l-Ombudsman wieħed jista' jsemmi rakkomandazzjonijiet:

- dwar id-deċentralizazzjoni tal-poter u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet;
- pożizzjonijiet ta' fiduċja u l-abbuż ta' sistema ta' ħatriet ta' persuni ta' fiduċja, partikularment f'awtoritajiet u entitajiet pubbliċi;
- id-dritt taċ-ċittadin li jinżamm informat b'dak kollu li jikkonċerna l-amministrazzjoni pubblika u l-obbligu tal-Istat li jipprovdi din l-informazzjoni, li għandu jiġi regolat b'liġijiet aġġornati u moderni dwar il-libertà tal-informazzjoni u data;
- il-ħtieġa li jiġi regolat il-*lobbying*; u
- proposti dwar leġislazzjoni biex jissaħħu l-jeddijiet fondamentali u jiġu assigurati aktar trasparenza u kontabilità fl-amministrazzjoni pubblika.

Finalment hu essenzjali illi l-amministrazzjoni pubblika mhux biss ikollha titjieb fil-livell ta' kommunikazzjoni bejnha u l-Uffiċċju tal-Ombudsman iżda wkoll li tagħti widen għal dak li jiġi lilha minnhom sottomess. F'dan ir-rigward huma sinifikattivi dawn il-kummenti lis-Sur Charles Messina, li għal dawn l-aħħar għaxar snin ta' servizz mill-aktar siewi u dedikat bħala Kummissarju għas-Saħħa jagħmel dwar l-esperjenzi tiegħu. Jilmenta li r-rakkomandazzjonijiet li għamel is-sena l-oħra għadhom ma' ntlaqgħux.

Jiġifieri ma' sar xejn dwar:

- il-mediċini li huma regolati bil-protokolli;
- il-kumitat li jeżamina l-għoti ta' mediċina f'każi eċċezzjonali mhux jimxi mar-regoli stabbiliti fl-Avviż Legali;
- id-Dipartiment tas-Saħħa f'numru ta' każi ma jilqax ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu;
- dewmien fit-tweġibiet;
- id-Dipartiment tas-Saħħa illegalment, jirrifjuta li jagħti informazzjoni mitluba; u
- issir emenda fil-liġi tal-Ombudsman sabiex l-Ombudsman ikollu d-dritt li jirreferi l-każ il-Qorti sabiex l-inġustizzji jkunu rimedjati. Is-sistema preżenti li rakkomandazzjoni li ma tintlaqax tiġi riferuta lill-Prim Ministru u l-Parlament m'hiex tilħaq l-għan tagħha għaliex mhux qed ikun hemm l-ebda tweġiba. Dan qed ifisser li persuna tingħata raġun u tibqa' bir-raġun għaliex l-inġustizzja tibqa' hemm. Kien hemm każi fejn l-individwu jkollu jfittex ġustizzja hu mill-Qorti.

Ma' dawn il-Kummissarju jżid id-dewmien biex jingħata t-tweġibiet. Mis-sena 2017 sas-sena 2021 kien għad hemm 61 każ pendenti li minnhom 48 huma mal-Ministeru għas-Saħħa.

Il-Kummissarju qed jipproponi li:

1. jinħargu direttivi mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex il-Ministeri jagħlqu l-każ bla dewmien iżda mhux aktar tard minn sitt xhur. Jekk ikun hemm xi raġuni partikolari tintalab estensjoni mill-Ombudsman.
2. l-Protokolli jiġu emendati sabiex ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn marda u oħra fejn il-mediċina preskritta tkun l-istess.
3. l-Kumitat li jeżamina l-għoti ta' mediċini f'każi eċċezzjonali (*Exceptional Medicinal Treatment Committee*) jimxi mar-regoli tal-Avviż Legali u jqis li l-każ tal-pazjent ikun eċċezzjonali u mhux il-marda jew il-mediċina tkun eċċezzjonali.
4. l-każi li jintbagħtu lill-Parlament ikunu diskussi fil-Kumitat Parlamentari dwar is-Saħħa u tingħata deċiżjoni.

L-esperjenza tal-Kummissarju għas-Saħħa titfa' dawl fuq dak li għad baqa' xi jsir biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Amministrazzjoni Pubblika. Id-diffikultajiet li ltaqa' magħhom hu, huma wkoll, f'livelli differenti, l-esperjenza ta' taqsimiet oħra fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman. Hu f'din id-direzzjoni illi l-Amministrazzjoni Pubblika u l-Uffiċċju jeħtieġ li flimkien iżidu l-isforzi tagħhom biex is-servizz li jingħata jkun aktar effiċjenti, effettiv u qrib taċ-ċittadin.



# IL-KULTURA TAS-SANZJONAR TIMMINA S-SALTNA TAD-DRITT

# 04



# IL-KULTURA TAS-SANZJONAR
# **TIMMINA S-SALTNA TAD-DRITT**

Element ieħor negattiv li żviluppa tul is-snin, li qed idgħajjef l-amministrazzjoni pubblika korretta u jimmina s-saltna tad-dritt, hu l-użu dejjem iktar frekwenti tas-sanzjonar ta' aġir illegali jew amministrattivament skorrett. Qed tikber il-perċezzjoni fil-pajjiż li tista' tgħid wieħed jista' impunement jinjora regolamenti u liġijiet għax fl-aħħar mill-aħħar kollox jista' jiġi sanzjonat.

It-tifsira oriġinali tat-terminu "*sanzjonar*" hija sitwazzjoni ta' mġieba ħażina jew illegalità li jistħoqqilha li tiġi punita. Is-sanzjoni hija l-piena li għandu jbati min jikser ir-regoli jew il-liġi. Fil-kultura Maltija ġiet aktar iva milli le adottata tifsira tat-terminu li hija prattikament opposta. Tfisser mezz kif tirregolarizza dak l-aġir mhux xieraq jew kontra l-liġi. Fit-tifsira klassika min jonqos li jagħmel dak li kien mistenni minnu għandu jgħaddi proċess u jiġi sanzjonat jiġifieri jieħu dak li ħaqqu. Ċertament ma jagħmel l-ebda gwadann mill-aġir ħażin tiegħu. Fuq kollox irid, fejn possibbli, jreġġa' lura l-ħażin li jkun għamel u jirripistina l-Istat ta' legalità.

It-tifsira spiss adottata fil-liġijiet amministrattivi u li l-poplu komdu biha għax hekk jaqbillu, tagħti l-jedd lil min jabbuża biex jibda proċess ta' sanzjonar li l-għan tiegħu hu li jibqa' jgawdi l-frott tal-għemil abbużiv tiegħu billi jħallas xi penali jew piena finanzjarja jekk mhux xejn. Tant daħlet fil-fond u saret parti mill-ħajja ta' kuljum il-kultura tas-sanzjonar f'ħafna mill-attività ekonomika u soċjali fil-pajjiż, illi saret aċċettata bħala stil ta' governanza tajba li ħafna jqisu li hi korretta għax komda u taqdihom. Jiġifieri s-soċjetà qed taċċetta li kulħadd jista' jikser il-liġi u jagħmel dak li jidhirlu u jaqbillu għaliex fl-aħħar mill-aħħar l-aġir abbużiv u illegali tiegħu ser ikun b'xi mod jew ieħor sanzjonat. Meta jiġri hekk min abbuża jibqa' jgawdi l-frott tal-aġir illegali tiegħu u jekk ikollu jħallas xi penali jew multa, jibqa' altru milli jaqbilu.

It-tixrid ta' din il-mentalità li hi direttament kontra l-prinċipji tal-governanza tajba, hu spiss mgħejjun jekk mhux stigat mill-istess leġislatur li joffri l-faċilità f'xi liġijiet, ta' proċeduri ta' sanzjonar kontra l-ħlas ta' kumpens finanzjarju. Sa jiġi suġġerit li hu sewwa li min jabbuża jħallas penali għax b'hekk jinħolqu fondi biex bihom isiru proġetti għall-ġid tal-komunità. L-illegalità u l-abbuż kważi jiġu ġustifikati għax mill-ħażin joħroġ it-tajjeb.

Kibret il-perċezzjoni, illum konvinzjoni li kulħadd jista' jagħmel li jrid għaliex fl-aħħar mill-aħħar bil-magħmudija tal-flus mhux biss jinħaslu d-dnubiet kollha tal-illegalità imma jiġu wkoll kanċellati, għax evitati, regolamenti u liġijiet magħmulin biex jipproteġu l-kollettività fl-interess tal-ġid komuni.

Hu ċar li l-abbuż tas-sisema ta' sanzjonar, speċjalment ta' aġir illegali w abbużiv li jkun sar konxjament u manifestament kontra regolamenti u liġijiet applikabbli, ikkontribwixxa u għadu jikkontribwixxi għal ħolqien ta' kultura ta' impunità li hi l-għerq tal-abbużi li jimminaw is-saltna tad-dritt. Hu ovvju li aktar ma jkun b'saħħtu min jabbuża u aktar ma jkun kbir l-abbuż u l-profitt li jkun ser jagħmel minnu, aktar hu utili u vitali li jkollu aċċess għal proċedura ta' sanzjonar li tirregola l-abbuż. Ċar ukoll li min jiflaħ l-aktar iħawwel l-iktar. Is-susa tant daħlet il-ġewwa u hi mxerrda li bosta jsostnu li din il-proċedura li essenzjalment tittollera l-ksur tal-liġi, hi inevitabbli u meħtieġa biex in-negozju jibqa' miexi u jitkattar il-ġid. Effettivament il-leġislatur li jagħmel il-liġijiet u r-regolamenti fl-amministrazzjoni għal ġid komuni jipprovdi hu stess l-inċentiv u l-mezz kif dawn jinkisru.

## Ħsara irriversibbli u dejjiema

L-esperjenza turina li l-arma qawwija tas-sanzjonar f'idejn min irid jabbuża ssarrfet f'episodju ta' malamministrazzjoni w abbużi kbar li messhom u setgħu ġew evitati. Skandli w abbużi li wara ftit jintesew għax il-pajjiż ġie mdorri jaċċetta li din kienet ir-realtà li jrid jgħix biha. Dan bi ħsara għad-dritt taċ-ċittadin li jgawdi amministrazzjoni pubblika tajba. Ħsara spiss irriversibbli, dejjiema li mhux faċilment titreġġa' lura.

Dawn huma ftit ħsibijiet li jillustraw il-kobor tal-problema li jeħtieġ tiġi rinfaċċjata. Jistgħu jinkitbu kotba dwar l-implikazzjonijiet tal-kunċett tas-sanzjonar u tal-konsegwenzi serji li jirriżultaw meta dan jiġi abbużat. Mhux il-każ li hawn jingħad aktar kif lanqas hu l-post biex jiġi illustrat b'eżempji ta' dak li seħħ u qed iseħħ f'pajjiżna. Dan b'konsegwenza ta' din il-mentalità li f'ċertu livell tissarraf il-konvinzjoni ta' wħud li huma tant b'saħħithom li huma 'l fuq mil-liġi u r-regolamenti, li jistgħu b'impunità jinjorawhom b'mod l-aktar sfaċċat għax fl-aħħar mill-aħħar ma kinux ser jagħtu kont tal-għemil illegali tagħhom. Kienu ser jiġu biss mitluba jħallsu kontribuzzjoni finanzjarja li jkunu diġà ħasbu għaliha fi spejjeż tal-proġett li kienu f'kull każ ser jgħaddu fuq min kien ser jagħmel in-negozju magħhom.

Tant daħlet 'l ġewwa l-marda illi anki l-amministrazzjoni pubblika nfisha iddakkret minnha. Hemm okkażjonijiet fejn dipartimenti tal-gvern u awtoritajiet u entitajiet pubbliċi li jidhrilhom li għandhom il-jedd li jinjoraw il-liġijiet u regolamenti u jaġixxu b'mod abbużiv u illegali, qabel jassiguraw li jkollhom l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti. Impunement jiksru l-liġi u wara jitolbu li l-abbuż tagħhom jiġi sanzjonat. Wasalna għar-ridikolu li awtorità pubblika tiġi ikkundannata tħallas penali lill-awtorità pubblika oħra biex dan l-aġir jiġi regolarizzat. Flus li jgħaddu minn but għall-ieħor tal-istess gvern. Ikun il-poplu li dejjem iħallas għall-abbuż.

F'sitwazzjonijiet bħal dawn ikun forsi aktar xieraq li almenu l-penali jieħduha dawk li konxjament u volontarjament jabbużaw mill-poter tagħhom u b'arroganza jiksru l-liġi. Dik tkun miżura effettiva ta' kontabilità.

L-Ombudsman hu tal-fehma li l-kultura tas-sanzjonar u l-abbuż li jista' jsir u qed isir minnha jeħtieġ li titqiegħed fuq l-aġenda politika. Hemm bżonn li jsir studju fil-fond tal-effetti negattivi li qed ikollha fuq l-amministrazzjoni pubblika korretta, kif qed tiġi applikata w abbużata fil-prattika a favur ta' min hu intenzjonat li volontarjament u konxjament jikser il-liġi jew jinjora b'mod sfaċċat ir-regolamenti.

Mhux sewwa li s-sistema tippermetti li min jabbuża minnha jużaha a favur tal-għanijiet illegali w abbużivi tiegħu. Min japplika skont proċeduri legalment aċċessibbli għas-sanzjonar tal-għemil abbużiv tiegħu jkun neċessarjament qed jaċċetta li hu ikkommetta u kultant ikun għadu qed jikkommetti illegalità. Dak il-fatt biss fih innifsu għandu jfisser li l-ħati iddikjarat għandu minnufih jieqaf milli jkompli bl-aġir illegali tiegħu. Mhux biss.

Dan ifisser li min konxjament u volontarjament ikun kiser il-liġijiet tal-pajjiż u ammettiħ għandu jkun kundannat biex irreġġa' lura l-ħażin kollu li jkun wettaq. Hekk per eżempju min ikun bena struttura bla permess, kbira kemm hi kbira mingħajr ebda ġustifikazzjoni valida, għandu jkun kundannat li jwaqqa' l-istruttura qabel japplika għall-permessi tal-iżvilupp. Hekk ukoll min beda jiġġestixxi negozju qabel ma jkun kiseb il-permessi meħtieġa għandu jiġi minnufih ordnat jieqaf milli jkompli l-attività tiegħu.

Hu fatt li l-avviżi ta' infurzar f'kull qasam huma llum tant dgħajfa li huma meqjusa ġeneralment daħka fil-wiċċ. L-iskuża li l-awtoritajiet pubbliċi m'għandhomx il-kapaċità biex jinforzaw hi għal kollox inaċċettabbli u ammissjoni ta' falliment tal-obbligu tal-Istat li jiggarantixxi l-governanza tajba. Hi offiża serja għas-saltna tad-dritt u ksur sfaċċat tal-prinċipji li jiggvernaw l-amministrazzjoni pubblika tajba meta min japplika għal sanzjonar f'dawn iċ-ċirkostanzi jitħalla jiġġestixxi n-negozju u l-attività ekonomika *ex admissis* abbużivi tiegħu jew li jibqa' jgawdi l-frott tal-aġir illegali tiegħu. Dan ukoll sakemm jiġi finalment konkluż il-proċess tas-sanzjonar anke fi stadju quddiem Qorti ta' Appell. Proċeduri li jaf jieħdu s-snin qabel jiġu finalment determinati.

Dan għal min jemmen fis-saltna tad-dritt hu dagħwa f'katidral. Hawn mhux *si tratta* tal-prinċipju li kull persuna hi preżunta innoċenti sakemm tiġi dikjarata ħatja. *Si tratta* ta' persuna li tiddikjara lilha nfisha ħatja u titlob klemenza li ssewwi l-ħsara li għamlet bi proċess provdut lilha bil-liġi waqt li tkompli tgawdi mill-aġir abbużiv tagħha.

L-Ombudsman jifhem li din hi materja li teħtieġ studju approfondit biex tilqa' għal sitwazzjonijiet ta' illegalità fi stadji differenti u mhux tal-istess gravità. Bħal kull liġi oħra li timponi piena din għandha tkun rigoruża fl-applikazzjoni tagħha imma tippermetti flessibilità biex tassigura li tkun raġonevoli u proporzjonata għall-gravità tal-ksur tal-ordni pubblika li jkun twettaq u biex isservi ta' deterrent u eżempju għal ħaddieħor.

Wieħed japprezza li f'każijiet fejn il-vjolazzjoni tkun venjali, ġustifikata miċ-ċirkostanzi u rimedjabbli bla ħsara għal terzi u għall-interessi tas-soċjetà, ma jkunx il-każ li jiġu applikati sanzjonijiet estremi u l-impożizzjoni ta' penali xierqa tkun adegwata. In fatti kien b'dan il-ħsieb li l-leġislatur oriġinarjament introduċa l-proċedura ta' sanzjonar biex jirregolarizza vjolazzjonijiet żgħar, fejn il-ksur tar-regolamenti ma jkunx daqshekk evidenti, sfaċċat u kbir u li jekk ma jiġix regolarizzat, f'ċerti każijiet ibatu terzi intortament.

Miżura leġislattiva raġonevoli maħsuba biex tirripistina l-legalità bi proporzjon u sens komun. Infetħet però tieqa li minnha daħal uragan li wassal għal sitwazzjoni fejn kulħadd, speċjalment min hu b'saħħtu, jista' jagħmel li jrid mingħajr ma josserva l-liġijiet, għaliex fl-aħħar mill-aħħar dejjem kien ser jissanzjona l-għemil tiegħu. Jekk wieħed isegwi l-allegazzjonijiet li jsiru tista' tgħid kuljum, wieħed malajr jifhem kemm hi gravi s-sitwazzjoni.

L-osservazzjonijiet f'dan l-Ombudsplan huma indirizzati lejn dawn l-episodji ta' applikazzjonijiet għal sanzjonar ta' abbużi gravi. Dan sfortunatament anke għaliex il-liġijiet f'ċerti każijiet jagħtu lok għal dan u jsibu appoġġ anke jekk b'mod indirett, f'deċiżjonijiet ta' qrati w awtoritajiet kompetenti li jippermettu lil min ikun qiegħed jabbuża jkompli jagħmel profitt mill-aġir illegali tiegħu.

Għandu jkun hemm kunsens illi min jabbuża gravament għandu l-ewwel nett iħallas għal għemilu fuq kollox billi dak li ħaseb li ser jakkwista illegalment b'xi mod jew ieħor jittieħidlu. Wieħed ma jistax jinsa li l-arroganza ta' min jabbuża bil-kbir u min jibqa' għaddej b'xogħlijiet u negozji, kultant anke jispiċċahom ukoll waqt il-proċeduri ta' sanzjonar, ikollu l-għan speċifiku illi jikkundizzjona lil min għandu l-funzjoni li jiġġudikah billi jippreżentalu fatt komplut. Hu ferm aktar faċli li ma tagħtix permess jew liċenzja milli tordna t-twaqqiegħ ta' proprjetà jew l-għeluq ta' negozju.

Iż-żmien tan-negozjant u żviluppatur u kull persuna oħra *cowboy* li jidhrilhom li huma 'l fuq mil-liġi u hekk jaġixxu, jeħtieġ jintemm. Kif għandu jintemm ukoll iż-żmien tal-politiku w amministratur pubbliku arroganti li jidhrilhom li l-liġi qiegħda hemm biex tiġi wżata w abbużata iżda mhux osservata anke jekk dan jagħmluh għall-ħolqien tal-ġid komuni.

Il-liġi hi għal kulħadd l-istess u ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi. M'hemmx demokrazija fejn il-pajjiż ma jirrispettax u ma jimponix dawn il-prinċipji bażiċi. Fuq dawn jistrieħu kemm il-governanza tajba kif ukoll il-jedd ta' kull persuna għal amministrazzjoni pubblika korretta li l-Ombudsman u awtoritajiet regolatorji oħra għandhom id-dmir jiddefendu. Ta' dan l-Uffiċċju għandu jkun dejjem aktar konxju.

Anke hawn, f'dawn u f'oqsma oħra fejn il-governanza tajba hi mxekkla b'leġislazzjoni dgħajfa li tista' tagħti lok għal abbuż jew li tkun sempliċement ħażina, l-Ombudsman għandu l-funzjoni mhux biss li jkun it-tarka taċ-ċittadin iżda wkoll il-kuxjenza tal-amministrazzjoni pubblika.



# RIĊERKA U KOMUNIKAZZJONI

# 05



# RIĊERKA U **KOMUNIKAZZJONI**

Matul is-sena 2022 komplew l-isforzi biex titjieb il-viżibilità tal-Uffiċċju tal-Ombudsman bil-għan li jkun hemm aktar għarfien mill-pubbliku dwar il-funzjoni u s-servizzi li toffri l-istituzzjoni. Fis-sena li ġejja dawn l-isforzi se jiżdiedu bil-parteċipazzjoni tas-sezzjonijiet kollha tal-uffiċċju u kif ukoll bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarji.

## *CASE MANAGEMENT SYSTEM* U SISTEMA TA' ILMENTI ONLAJN

Il-proġett tal-*Case Management System* u s-sistema ta' ilmenti onlajn li tlestiet matul is-sena 2021 issa qed jitħaddem fl-intier tiegħu. Matul din is-sena kompliet tiġi ipperfezzjonata biex tilħaq l-għan li għalih dan il-proġett twettaq.

## PARTEĊIPAZZJONI FUQ PROGRAMMI TAT-TV U R-RADJU

Matu l-2022, l-Uffiċċju tal-Ombudsman kien mistieden fi programmi tar-radju fejn ingħatat informazzjoni lill-pubbliku dwar ir-rwol tal-Ombudsman u l-Kummissarji. Din l-inizjattiva sservi biex il-pubbliku jingħata ċ-ċans li jistaqsi u jinforma ruħu dwar l-irwol tal-istituzzjoni. Dawn l-eżerċizzji jeħtieġ li jiżdiedu matul l-2023 bħala parti mill-pjan għall-*outreach* għas-sena d-dieħla.

## PARTEĊIPAZZJONI F'ATTIVITAJIET

Din is-sena l-Uffiċċju tal-Ombudsman se jerġa' jipparteċipa fil-*Freshers' Week* fl-Università u l-ITS. L-*istand* tal-Uffiċċju tal-Ombudsman tkun iffukata fuq ir-rwol u s-servizzi li joffri l-Kummissarju għall-Edukazzjoni. Dawn l-attivitajiet iservu sabiex l-istudenti, l-għalliema u l-ħaddiema ta' dawn l-istituzzjonijiet edukattivi jsiru jafu aktar dwar l-istituzzjoni tal-Ombudsman u s-servizzi li joffri.

## KUNTATT MAL-*MEDIA*

Ir-relazzjoni tajba mal-*media* hija element importanti ħafna fix-xogħol tal-Ombudsman u għalhekk matul is-sena li għaddiet kompliet tissaħħaħ. L-Uffiċċju baqa' jkun dejjem disponibbli li jipprovdi, meta possibbli, l-informazzjoni mitluba mill-ġurnalisti.

## LAQGĦAT TA' INFORMAZZJONI

Qabel il-pandemija, l-Uffiċċju tal-Ombudsman kien jorganizza numru ta' laqgħat ta' informazzjoni bħala mezz ta' *outreach*. Dawn il-laqgħat ta' informazzjoni mistennija jissoktaw matul is-sena li ġejja bħala parti mill-pjan għall-*outreach* għas-sena li ġejja.

Dawn il-laqgħat mistennija jsiru mal-*Liaison Officers* fis-servizz pubbliku, ma' Sindki u Kunsilliera Lokali u għaqdiet oħra li jistgħu jkollhom interess fl-Amministrazzjoni Pubblika.

## RAPPORTI U PUBBLIKAZZJONIJIET

Bħal kull sena, l-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni u r-Riċerka kien involut ukoll fir-riċerka u produzzjoni ta' diversi rapporti u pubblikazzjonijiet li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ippubblika fl-aħħar xhur. Dawn jinkludu:

- riċerka, kitba u produzzjoni tal-'Case Notes 2021', li fih kien jinkludi ġabra ta' każijiet fil-qosor li jkopru wkoll każijiet investigati mill-Kummissarji. Kif sar fis-snin li għaddew, din il-pubblikazzjoni saret b'żewġ lingwi: Malti u Ingliż;
- riċerka, kitba u produzzjoni tar-Rapport Annwali 2021 li kien jinkludi rapporti ta' ħidma tat-tlett Kummissarji;
- riċerka, parti mill-kitba u l-produzzjoni tal-Ombudsplan 2023; u
- riċerka u kitba ta' preżentazzjonijiet li jsiru waqt laqgħat fil-fora internazzjonali.


85.00%

# 06 ĊART ORGANIZZATTIVA



# ĊART
# ORGANIZZATTIVA





# RENDIKONT FINANZJARJU 2022/2023

# 07



# RENDIKONT
# FINANZJARJU 2022/2023

## TAGĦRIF QASIR DWAR L-ANDAMENT GĦAS-SENA 2022

It-talba għall-allokazzjoni finanzjarja għall-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari għas-sena 2022 kienet tlaħħaq is-somma ta' €1,420,000. Dan l-ammont kien magħmul mis-segwenti kapi ta' spejjeż:

| | | |
|---|---|---|
| i) | Salarji u emolumenti personali | € 1,197,850 |
| ii) | Spejjeż ta' operat u manutenzjoni | € 207,750 |
| iii) | Spiża kapitali | € 14,400 |

L-allokazzjoni effettiva mill-Ministeru għall-Finanzi fil-bidu tas-sena 2022 kienet ta' €1,420,000 kif jidher fl-estimi għal din is-sena.

## L-OPERAT TAL-UFFIĊĊJU WARA L-EMERĠENZA NAZZJONALI MEDIKA TAL-COVID 19

Wara li l-każi tal-Covid 19 bdew jonqsu, l-awtoritajiet ikkonċedew li l-uffiċini setgħu jmorru lura għan-"*normal ġdid*". Għalhekk ġie deċiż li fis-26 ta' April 2021 l-Uffiċċju seta' jerġa' jibda jopera bil-preżenza fiżika tal-uffiċjali tiegħu bl-osservanza tal-linji gwida ta' operat skont id-direzzjonijiet tal-awtoritajiet tas-saħħa fosthom iż-żamma tad-distanza

soċjali u struzzjonijiet biex il-kuntatti kemm jista' jkun jinżammu virtwalment. Wara li dawn il-miżuri bdew jiġu rilaxxati sakemm eventwalment tneħħew, l-operat tal-Uffiċċju beda dejjem joqrob lejn in-normalità. Għalhekk, fis-sena 2022 l-operat tal-Uffiċċju kien fuq bażi ta' normalità sħiħa.

## TAGĦRIF IEĦOR RELATAT MAN-NEFQA GĦAS-SENA 2021

L-Uffiċċju investa f'apparat ta' *defibrillator* u apparat ieħor u nżammu sessjonijiet ta' taħriġ fuq dan l-apparat. Dan dejjem għas-sigurtà tal-uffiċjali tal-post u għall-pubbliku in ġenerali li jżur l-uffiċċji tagħna. Issa numru t'uffiċjali tagħna huma ċertifikati li jistgħu jagħtu din l-għajnuna f'każ li jkun meħtieġ. Il-pjan huwa li dan it-taħriġ ikompli jiġġedded.

Il-pjattaforma tas-sistema l-ġdida tal-ipproċessar tal-każi issa hija lesta u qed titħaddem. Wieħed jista' jgħid li issa din is-sistema qed titħaddem b'kunfidenza mill-Uffiċjali tagħna u li rari wieħed jiltaqa' ma' problemi tekniċi. Dan wara li sar taħriġ u preparamenti intensivi qabel ma morna *live* u għalhekk ħafna mill-problemi inizjali setgħu jiġu identifikati.

Huwa mistenni li l-Uffiċċju jipparteċipa b'mod virtwali u fiżiku f'laqgħat ta' kuntatt ma' kollegi barranin lejn l-aħħar kwart tas-sena fejn ser jinżammu konferenzi u bdil ta' esperjenzi tal-operat f'uffiċċji simili tal-Ombudsman.

F'Awwissu l-Uffiċċju laqa' delegazzjoni mill-Uffiċċju tal-Ombudsman tat-Turkija fejn saret viżita ta' studju fuq l-operat tal-Ombudsman u skambju ta' idejat fuq l-istess materja. Prattikament, l-operat kważi kollu tal-Uffiċċju kien involut f'din l-esperjenza li kienet estiża fuq perjodu ta' xahar. Din l-esperjenza kienet ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet.

Bħala Segretarjat Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen Mediterranji l-Uffiċċju organizza l-elezzjonijiet għall-ħatra tal-Bordijiet Governattiv u Eżekuttiv. Dawn l-elezzjonijiet inżammu b'mod elettroniku f'Jannar 2022 u l-Istituzzjoni tagħna reġgħet ġiet eletta biex tkompli fir-rwol ta' Segretarju Ġenerali u Teżorier sas-sena 2025.

F'Mejju u f'Ġunju ġew organizzati l-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv u l-Bord Governattiv. F'dawn il-laqgħat ġew iffissati d-dati tal-avvenimenti ta' taħriġ kif ukoll ġie iffissat il-lok fejn ser tinżamm il-Konferenza Ġenerali biennali li ser issir is-sena d-dieħla. Għalhekk, is-Segretarjat ser ikun impenjat bis-sħih bil-koordinazzjoni ta' dawn il-laqgħat, taħriġ u konferenzi.

Il-laqgħat ta' taħriġ għandhom isiru fil-Ġeorġja, il-Marokk - kif isir kull sena - u Ċipru. Barra dan il-Konferenza Ġenerali biennali għandha tinżamm il-Kosovo fis-sena 2023. Il-preparamenti għal dawn l-attivitajiet bdew bi sħiħ u dejjem jiġu koordinati minn Malta. Dan huwa ċertifikat tal-istima li tgawdi l-Istituzzjoni tagħna kif ukoll għarfien lejn il-kapaċitajiet organizzattivi li jgawdi pajjiżna.

# TAGĦRIF DWAR IL-FINANZI MEĦTIEĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN FL-2023

| ***Details*** | ***Approved allocation for 2022 €*** | ***Requested allocation for 2023 €*** |
|---|---|---|
| Salaries | 821,193 | 843,200 |
| Bonuses | 6,484 | 6,485 |
| Income Suppliments | 5,815 | 5,815 |
| Social Security Contributions | 44,258 | 44,700 |
| Allowances | 320,100 | 326,000 |
| **Total Personal Emoluments** | **1,197,850** | **1,226,200** |
| | | |
| Utilities | 20,000 | 20,000 |
| Materials and Supplies | 15,000 | 10,000 |
| Repair and upkeep | 16,000 | 16,000 |
| Rent | 8,200 | 8,200 |
| International Membership | 2,300 | 2,300 |
| Office services | 10,000 | 10,000 |
| Transport | 13,000 | 13,000 |
| Travel | 25,000 | 25,000 |
| Information Services | 10,000 | 5,000 |
| Contractual Services | 45,000 | 60,000 |
| Professional Services | 20,000 | 20,000 |
| Training | 5,000 | 5,000 |
| Hospitality | 3,000 | 3,000 |
| Outreach Programmes | 14,700 | 9,700 |
| Incidental Expenses | 550 | 600 |
| **Total Operational and Maintenance Exp.** | **207,750** | **207,800** |
| | | |
| Equipment | 14,400 | 15,000 |
| **Total Special Expenditure** | **14,400** | **15,000** |
| | **1,420,000** | **1,449,000** |



# STATISTIKA 2021/2022

# 08



# STATISTIKA
# 2021/2022

Din il-parti tal-Ombudsplan titratta l-informazzjoni dwar l-ilmenti mressqa bejn Jannar u Awwissu 2022. Din l-informazzjoni tinkludi l-ilmenti kollha li irċieva l-Ombudsman Parlamentari u l-Kummissarji speċjalizzati. L-Uffiċċju tal-Ombudsman, ta' kull sena jtejjeb l-isforzi tiegħu biex ikun eqreb lejn iċ-ċittadin b'diversi inizjattivi.

## TABELLA 1 – STATISTIKA TA' ILMENTI ĠODDA, ILMENTI LI NGĦALQU U ILMENTI PENDENTI

Din it-tabella turi kemm kienu l-ilmenti ġodda li daħlu, dawk li ngħalqu u dawk li għadhom pendenti. Din it-tabella tinkludi wkoll l-ilmenti tat-tliet Kummissarji speċjalizzati. Bejn Jannar u Awwissu 2021, daħlu b'kollox 299 ilment ġdid, tnaqqis ta' 19% fuq l-istess perjodu fl-2021.

Mit-299 każ illi daħlu, 124 ilment ġew trattati mill-Ombudsman Parlamentari; 82 każ mill-Kummissarju għas-Saħħa; 59 każ mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar u 34 każ mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni.

**Każijiet li ngħalqu**

Tabella Nru 1 turi wkoll il-każijiet li ngħalqu matul l-istess perjodu. Bejn Jannar u Awwissu 2022 ingħalqu b'kollox 309 il-każ, tnaqqis ta' 20% fuq l-istess perjodu fl-2021.

Mit-309 il-każ li ngħalqu, 138 ingħalqu mill-Ombudsman Parlamentari; 81 każ mill-Kummissarju għas-Saħħa; 54 każ mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar u 36 każ mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni.

# TABELLA 1 - STATISTIKA TA’ ILMENTI ĠODDA LI NGĦALQU U ILMENTI PENDENTI BEJN JANNAR/AWWISSU 2021 - 2022

| | 2021 | | | 2021 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **OMBUDSMAN PARLAMENTARI** | | | | | | |
| **Każijiet mis-sena ta’ qabel** | | | 168 | | | 117 |
| Jannar - Marzu | 53 | 79 | 142 | 56 | 54 | 119 |
| April - Ġunju | 88 | 76 | 154 | 46 | 55 | 110 |
| Lulju - Awwissu | 31 | 51 | 134 | 22 | 29 | 103 |
| **Total** | **172** | **206** | | **124** | **138** | |
| **KUMMISSARJU GĦALL-EDUKAZZJONI** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Każijiet mis-sena ta’ qabel** | | | 20 | | | 20 |
| Jannar - Marzu | 8 | 9 | 19 | 14 | 17 | 17 |
| April - Ġunju | 13 | 17 | 15 | 5 | 13 | 9 |
| Lulju - Awwissu | 6 | 6 | 15 | 15 | 6 | 18 |
| **Total** | **27** | **32** | | **34** | **36** | |
| **KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Każijiet mis-sena ta’ qabel** | | | 102 | | | 86 |
| Jannar - Marzu | 38 | 20 | 120 | 43 | 35 | 94 |
| April - Ġunju | 33 | 38 | 115 | 23 | 26 | 91 |
| Lulju - Awwissu | 26 | 31 | 110 | 16 | 20 | 87 |
| **Total** | **97** | **89** | | **82** | **81** | |

| Perjodu | Każijiet li waslu (2021) | Każijiet li ngħalqu (2021) | Każijiet pendenti (2021) | Każijiet li waslu (2022) | Każijiet li ngħalqu (2022) | Każijiet pendenti (2022) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **KUMMISSARJU GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR** | | | | | | |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 29 | | | 26 |
| Jannar - Marzu | 26 | 21 | 34 | 18 | 21 | 23 |
| April - Ġunju | 36 | 36 | 34 | 25 | 22 | 26 |
| Lulju - Awwissu | 11 | 4 | 41 | 16 | 11 | 31 |
| **Total** | **73** | **61** | | **59** | **54** | |
| **TOTAL GLOBALI** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Jannar -Awwissu** | **369** | **388** | | **299** | **309** | |

## TABELLA 2 – ASSISTENZA MOGĦTIJA LILL-PUBBLIKU

Tabella Nru 2 turi li bejn Jannar u Awwissu 2022, kien hemm 253 persuna li talbu assistenza lill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Komparat mas-sena 2021, kien hemm tnaqqis ta' 28% fin-nies li irrikorrew għand l-Ombudsman għall-parir. Din l-assistenza tingħata lil dawk li jirrikorru l-Uffiċċju tal-Ombudsman għal gwida, qabel ma jiftħu ilmenti formali. Ħafna minn dawn il-persuni jirrikorru fl-Uffiċċju tal-Ombudsman għall-parir jew biex jingħataw assistenza għall-ilmenti li mhux bilfors ikun jeħtieġ li dwarhom jinfetaħ każ formali u spiss ikun hemm okkażjonijiet fejn kull ma jkun hemm bżonn hu ta' spjegazzjoni, assistenza jew gwida dwar fejn għandhom jirrikorru bl-ilment tagħhom.

## TABELLA 2 - STATISTIKA TA' ASSISTENZA LI NGĦATAT LILL-PUBBLIKU BEJN JANNAR/AWWISSU 2021 - 2022

| Kategroija | Jannar - Awwissu 2021 | Jannar - Awwissu 2022 |
|---|---|---|
| Ingħataw parir | 347 | 252 |
| Riżolt mill-PRO | 5 | 1 |
| **Total** | **352** | **253** |

# TABELLA 3 - KLASSIFIKA TA' ILMENTI ĠODDA BEJN JANNAR/AWWISSU 2022

| Kategorija | Ombudsman Parlamentari | Kummissarju għall-Edukazzjoni | Kummissarju għas-Saħħa | Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Kontra l-liġi u l-*policies* jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u *policies* | 13 | 2 | 12 | 29 | **56** |
| Diskriminazzjoni impropja | 12 | - | 5 | 1 | **18** |
| Nuqqas ta' trasparenza u kontabilità | - | - | 2 | 2 | **4** |
| Nuqqas ta' informazzjoni jew tweġiba | 11 | 3 | 2 | - | **16** |
| Dewmien żejjed/Nuqqas ta' azzjoni/Listi ta' stennija | 8 | 2 | 6 | 24 | **40** |
| Trattament inġust/Nuqqas ta' ekwità | 65 | 19 | - | 2 | **86** |
| Proċess tal-għażla jew eżerċizzju ta' promozzjoni inġust | 9 | 5 | 9 | 1 | **24** |
| Materji li jirrigwardaw il-kwalità tal-ħajja/bżonnijiet speċjali | - | 2 | 1 | - | **3** |
| Attitudni żbaljata minn impjegati jew mill-maniġment | - | 1 | 6 | - | **7** |
| Kwistjonijiet personali/materji li jirrigwardaw il-ħaddiema/studenti | 2 | - | 14 | - | **16** |
| Kura kontinwa/kwistjonijiet li jkunu qegħdin jiġu segwiti | - | - | 15 | - | **15** |
| Nuqqas ta' provvista/provvista inadegwata tal-mediċini | - | - | 7 | - | **7** |
| Reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissarju | 3 | - | - | - | **3** |
| Oħrajn | 1 | - | 3 | - | **4** |
| **Total** | **124** | **34** | **82** | **59** | **299** |

## TABELLA 3 – KLASSIFIKA TA' ILMENTI ĠODDA

Tabella Nru 3 turi l-klassifika ta' ilmenti ġodda bejn Jannar u Awwissu ta' din is-sena. Din it-tabella tgħin biex jiġu identifikati x-xejriet tal-problemi u l-ilmenti li qed ikollu l-pubbliku.

### Ombudsman Parlamentari

Mill-ilmenti l-ġodda trattati mill-Ombudsman Parlamentari, l-iktar ilmenti komuni, din is-sena kienu dawk l-ilmenti li fihom ikun allegat trattament inġust jew nuqqas ta' ekwità li ammontaw għal 52% tal-ilmenti. It-tieni l-akbar ammont ta' ilmenti kienu dawk li jitrattaw allegazzjoni ta' azzjoni kontra l-liġi u l-*policies*, jew applikazzjoni riġida tar-regoli li ammontaw għal 10% tal-ilmenti.

### Kummissarju għall-Edukazzjoni

L-akbar numru ta' ilmenti (56%) li tratta l-Kummissarju għall-Edukazzjoni kienu dwar trattament inġust jew nuqqas ta' ekwità.

### Kummissarju għas-Saħħa

Mis-82 ilment li rċieva l-Kummissarju għas-Saħħa, 18% kienu dwar każijiet li jirrigwardjaw kura kontinwa jew kwistjonijiet li jkun qegħdin jiġu segwiti mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. It-tieni l-akbar numru ta' ilmenti (17%) kienu ilmenti relatati ma' materji li jirrigwardjaw ħaddiema fil-qasam tas-saħħa pubblika.

### Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

L-aktar ilmenti komuni li tratta l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar kienu dawk l-ilmenti fejn ikun hemm allegazzjoni ta' azzjoni li hija kontra l-liġi u l-*policies* jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u *policies*. Dawn kienu jammontaw għal 49% tal-każijiet li tratta. It-tieni l-aktar ilmenti komuni kienu dawk li jirrigwardjaw dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni, li ammontaw għall-41% tal-każijiet investigati mill-Kummissarju.

# TABELLA 4 - KLASSIFIKA TA' KAŻIJIET MAGĦLUQA BEJN JANNAR/AWWISSU 2022

| Kategorija | Ombudsman Parlamentari | Kummissarju għall-Edukazzjoni | Kummissarju għas-Saħħa | Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Każijiet sostnuti | 9 | 7 | 25 | 4 | **45** |
| Każijiet mhux sostnuti | 25 | 8 | 36 | 9 | **78** |
| Każijiet solvuti | 10 | 12 | 12 | 14 | **48** |
| Investigazzjoni mwaqqfa jew nuqqas ta' ħtieġa ta' investigazzjoni (mogħtija pariri jew assistenza, l-ilment irtirat magħtul l-investigazzjoni, eċċ) | 61 | 9 | 6 | 16 | **92** |
| Barra mill-ġurisdizzjoni | 8 | - | - | 1 | **9** |
| Miċħuda (skaduti biż-żmien, trivjali, eċċ) | 25 | - | 2 | 10 | **37** |
| **Total** | **138** | **36** | **81** | **54** | **309** |

## TABELLA 4 – KLASSIFIKA TA' KAŻIJIET MAGĦLUQA

Din it-tabella turi kif ġew klassifikati l-każijiet magħluqa bejn Jannar u Awwissu 2022. Din it-tabella tagħti spjegazzjoni dwar it-tip ta' konklużjonijiet li joħorġu mill-investigazzjoni. Il-klassifika tal-każijiet tinqasam bejn dawk l-ilmenti li jiġu ġustifikati jew le, dawk li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni, dawk li ġew mogħtija parir jew għajnuna waqt l-investigazzjoni, dawk li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman u dawk li jkunu trivjali jew li skadew biż-żmien.

Mit-309 każ li ġew magħluqa mill-Uffiċċju tal-Ombudsman kien hemm 15% tal-każijiet li ġew sostnuti favur min għamel l-ilment. F'25% tal-ilmenti min għamel l-ilment ma kellux raġun. 16% ġew solvuti waqt l-investigazzjoni u b'hekk intlaħaq ftehim bejn min għamel l-ilment u bejn id-dipartiment ikkonċernat.

Kien hemm ukoll 30% tal-ilmenti li l-investigazzjoni dwarhom ġiet imwaqqfa jew irriżulta li l-każ ma setax ikompli jiġi investigat. Dan jista' jkun minħabba li min għamel l-ilment ikun ingħata assistenza jew irtira l-ilment. 3% tal-każi kienu barra l-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman u allura l-Ombudsman jew il-Kummissarji ma setgħux jinvestigaw l-ilment. 12% tal-ilmenti ma ġewx milqugħa minħabba li kienu trivjali jew skaduti biż-żmien.

**Ombudsman Parlamentari**

L-Ombudsman Parlamentari ikkonkluda 138 ilment li 32% minnhom saret investigazzjoni dwarhom. Matul dan il-perjodu, kien hemm 44% tal-każijiet li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni jew li ngħataw parir u għajnuna wara li l-każ tagħhom beda jiġi investigat; 6% kienu ilmenti li l-Ombudsman ma setgħax jinvestiga minħabba li kienu barra mill-ġurisdizzjoni tiegħu u 18% kienu dawk li ma ġewx investigati minħabba li jew kienu trivjali jew it-terminu ta' sitt xhur minn meta seħħ l-ilment kien skada.

**Kummissarju għall-Edukazzjoni**

Mill-ilmenti li kienu investigati mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, 19% kienu ġustifikati mentri 22% ma kinux. Waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni, 25% tal-ilmenti ġew solvuti f'dan l-istadju.

**Kummissarju għas-Saħħa**

Il-Kummissarju għas-Saħħa għalaq 31% tal-każijiet favur il-persuna li ressqet l-ilment, u 44% tal-ilmenti li investiga ma kinux ġustifikati. 15% tal-każijiet li investiga l-Kummissarju tas-Saħħa ġew solvuti waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni.

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar**

Mill-każijiet li l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga bejn Jannar u Awwissu ta' din is-sena, 7% tal-ilmenti kienu ġustifikati u għalhekk il-persuna li ressqet l-ilment ingħatat raġun; 17% ma kinux ġustifikati u għalhekk ma kienx hemm nuqqas mill-entità, awtorità jew dipartiment li dwaru kienu saru l-ilmenti. Mentri 26% tal-każijiet ġew solvuti waqt l-investigazzjoni. Kien hemm ukoll 30% li ngħataw parir jew għajnuna u għalhekk il-każ ma kompliex jiġi investigat.

# TABELLA 5 - KLASSIFIKA TA' KAŻIJIET SOLVUTI F'KATEGORIJI STABBILITI MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN BEJN JANNAR/AWWISSU 2022

| Kategorija | Ombudsman Parlamentari | Kummissarju għall-Edukazzjoni | Kummissarju għas-Saħħa | Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Kontra l-liġi u l-*policies* jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u *policies* | 1 | 3 | 4 | 7 | **15** |
| Diskriminazzjoni impropja | 2 | - | 2 | - | **4** |
| Nuqqas ta' informazzjoni jew tweġiba | - | 2 | 1 | 1 | **4** |
| Dewmien żejjed/Nuqqas ta' azzjoni/Listi ta' stennija | 7 | 1 | 2 | 8 | **18** |
| Trattament inġust/Nuqqas ta' ekwità | 7 | 9 | - | 2 | **18** |
| Proċess tal-għażla jew eżerċizzju ta' promozzjoni inġust | - | 2 | - | - | **2** |
| Materji li jirrigwardaw il-kwalità tal-ħajja/bżonnijiet speċjali | - | 2 | 1 | - | **3** |
| Attitudni żbaljata minn impjegati jew mill-maniġment | - | - | 3 | - | **3** |
| Kwistjonijiet dwar il-privatezza, id-dinjità u l-kunfidenzjalità | - | - | 1 | - | **1** |
| Kwistjonijiet personali/materji li jirrigwardaw il-ħaddiema/studenti | 2 | - | 5 | - | **7** |
| Kura kontinwa/kwistjonijiet li jkunu qegħdin jiġu segwiti | - | - | 9 | - | **9** |
| Nuqqas ta' provvista/provvista inadegwata tal-mediċini | - | - | 5 | - | **5** |
| Oħrajn | - | - | 4 | - | **4** |
| **Total** | **19** | **19** | **37** | **18** | **93** |

## TABELLA 5 – KLASSIFIKA TA' KAŻIJIET MAGĦLUQA

Din it-tabella tagħti ħarsa lejn in-numru ta' ilmenti investigati li fil-fatt irriżulta li l-allegazzjoni dwar xi nuqqas min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika kienet sostnuta.

**Ombudsman Parlamentari**

Fost l-akbar numru ta' każijiet li l-Ombudsman Parlamentari ta raġun, insibu dawk l-ilmenti li kienu jitrattaw ilmenti li allegaw trattament inġust jew nuqqas ta' ekwità (37%) u dawk li ilmentaw dwar dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni (37%).

**Kummissarju għall-Edukazzjoni**

L-iktar każijiet komuni li kienu sostnuti mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni kienu dawk dwar trattament inġust jew nuqqas ta' ekwità li jammontaw għal 47%.

**Kummissarju għas-Saħħa**

Mill-każijiet sostnuti mill-Kummissarju għas-Saħħa, 24% kienu dawk li jirrigwardjaw ilmenti dwar kura kontinwa.

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar**

Mill-ilmenti li ġew magħluqa u sostnuti mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar, l-akbar ammont kienu dawk l-ilmenti li allegaw dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni li ammontaw għal 44% tal-każijiet sostnuti mill-Kummissarju.

OMBUDSMAN

**L-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN PARLAMENTARI**
11, TRIQ SAN PAWL
VALLETTA - VLT1210
TEL: +356 2248 3210
EMAIL: office@ombudsman.org.mt

**www.ombudsman.org.mt**